# Investiment f’Organizzazzjonijiet Kulturali – Malta

**Linji Gwida u Regolamenti**

KUNSILL
MALTI
GĦALL-ARTI

Maħruġa: Settembru 2025

# Werrej

# L-1 Fergħa: Investiment fi żvilupp organizzattiv

Allokazzjonijiet ..... 2
Skedi ta' żmien ..... 3
1 Introduzzjoni ..... 4
2 Definizzjonijiet ..... 6
3 Eliġibbiltà ..... 8
4 Evalwazzjoni ..... 11
5 Tressiq tal-applikazzjoni ..... 13
6 Proċess t'evalwazzjoni ..... 15
7 Implimentazzjoni tal-proġett u moniteraġġ ..... 17
8 Proċedura tal-ilmenti ..... 18
9 Applikabbiltà tar-regoli fuq għajnuna tal-istat ..... 19
Teħtieġ parir? ..... 21

It-2 Fergħa:Investiment f'programmi u avvenimenti kulturali rikorrenti

Allokazzjonijiet ..... 2
Skedi ta' żmien ..... 3
1 Introduzzjoni ..... 4
2 Definizzjonijiet ..... 6
3 Eliġibbiltà ..... 8
4 Evalwazzjoni ..... 12
5 Tressiq tal-applikazzjoni ..... 14
6 Proċess t'evalwazzjoni ..... 16
7 Implimentazzjoni tal-proġett u moniteraġġ ..... 17
8 Proċedura tal-ilmenti ..... 19
9 Applikabbiltà tar-regoli fuq għajnuna tal-istat ..... 20
**Teħtieġ parir?** ..... 22

# L-1 Fergħa:
# Investiment fi żvilupp organizzattiv

**Linji Gwida u Regolamenti**

KUNSILL
MALTI
GĦALL-ARTI

# Allokazzjonijiet

| BAĠIT TAS-SESSJONI | AMMONT ELIĠIBBLI GĦAL KULL ORGANIZZAZZJONI |
|---|---|
| EUR 120,000 fis-sena | EUR 20,000 fis-sena<br>L-ammont se jkun mogħti għal perjodu ta’ tliet snin konsekuttivi.<br>Suġġett għad-disponibbiltà tal-fondi tal-gvern. |

| KO-FINANZJAMENT | ŻBORŻAMENT |
|---|---|
| Il-programm jista’ jkopri sa 80% tal-ispejjeż totali tal-proġett | 100% tal-pagament applikabbli għall-ewwel sena bħala finanzjament bil-quddiem u mal-iffirmar tal-kuntratt.<br>100% tal-pagament tat-tieni sena u mal-approvazzjoni tar-rapport tal-progress tal-2026 u l-pjan t’azzjoni għas-sena 2027.<br>70% tal-pagament tat-tielet sena mal-approvazzjoni tar-rapport tal-progress tal-2027 u l-pjan t’azzjoni għas-sena 2028.<br>30% tal-pagament tat-tielet sena mal-approvazzjoni tar-rapport finali għas-sena 2028. |

# Skedi ta’ żmien

| DATA TA’ SKADENZA GĦALL-APPLKAZZJONIJIET | RIŻULTATI | TUL TAL-PROĠETT | SKEDA TA’ ŻMIEN ELIĠIBBLI |
|---|---|---|---|
| 11 ta’ Novembru 2025 | 8 ta’ Jannar 2026 | 36 xahar | L-1 ta’ Jannar 2026 –<br>Il-31 ta’ Diċembru 2028 |

# 1 Introduzzjoni

Permezz ta' din l-inizjattiva, il-Kunsill Malti għall-Arti għandu l-għan li joħloq sħubiji ma' organizzazzjonijiet volontarji lokali li joperaw fis-setturi kulturali u kreattivi. Dawn l-organizzazzjonijiet se jikkollaboraw mal-Kunsill Malti għall-Arti sabiex iwettaq il-viżjoni tiegħu, u cioè, li "aħna rridu li l-arti tkun fil-qalba tal-futur ta' Malta", u sabiex il-Kunsill iwettaq il-missjoni tiegħu, "xprunat bl-impenn tagħna għad-drittijiet kulturali, fejn ninvestu fl-arti sabiex insaħħu l-ekoloġija kreattiva u kulturali ta' Malta".

Il-programm hu intenzjonat li jipprovdi appoġġ stabbli lil organizzazzjonijiet sabiex jippjanaw, jikbru, jiżviluppaw, u jwettqu l-għanijiet strateġiċi tal-KMA, primarjament indirizzati lejn professjonisti u komunitajiet kreattivi, partikolarment sabiex:

1. Jinvestu u jrawwmu espressjoni artistika u kulturali diversa;
2. Jappoġġjaw u jippromwovu l-kundizzjonijiet li fihom is-setturi kulturali u kreattivi ta' Malta jistgħu jiffjorixxu;
3. Jippromwovu u jipprovdu opportunitajiet immexxija mill-komunità sabiex jinvolvu ruħhom fl-arti u l-kultura;
4. Isaħħu r-relazzjonijiet internazzjonali kulturali ta' Malta billi jiżviluppaw skambji u kollaborazzjonijiet internazzjonali artistiċi;
5. Irawwmu kollaborazzjonijiet trans-settorjali li jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli ta' Malta.

Il-Kunsill Malti għall-Arti se jkun qiegħed jirċievi applikazzjonijiet minn organizzazzjonijiet volontarji iskritti mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji li għandhom il-potenzjal li jagħmlu kontribut sinifkanti għall-prijoritajiet u ambizzjonjiet indikati hawn fuq.

Il-fondi allokati għal dawn l-organizzazzjonijiet magħżula se jkopru attivitajiet li se jseħħu fl-2026, l-2027, u l-2028.

Il-programm huwa kompost minn żewġ fergħat:

L-1 Fergħa, **'Investiment fi Żvilupp Organizzattiv'**, tiffoka fuq il-bini tal-kapaċità u l-iżvilupp tan-negozju.

It-2 Fergħa, **'Investiment f'Programmi u Avvenimenti Kulturali Rikorrenti'**, tiffoka fuq l-iżvilupp ta' opportunitajiet professjonali għal artisti u udjenzi. (Jekk jogħġbok irreferi għal-linji gwida u regolamenti tat-2 Fergħa).

Applikazzjonijiet għall-1 Fergħa jridu jiġu sottomessi permezz tal-formola tal-applikazzjoni korretta.

## 1.1 Prinċipji Ġenerali

1.1.1. Il-KMA se jkun qiegħed jirċievi proposti minn organizzazzjonijiet volontarji iskritti mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji li huma konformi u joperaw fis-setturi kulturali u kreattivi li għandhom il-potenzjal li jagħmlu kontribut sinifikanti għall-għanijiet u prinċipji tal-Istrateġija attwali tal-KMA.

1.1.2. L-organizzazzjonijiet u l-programmi tagħhom huma mistennija li jiġu żviluppati u implimentati b'impenn lejn:

a. It-tħaddin tal-avvanz tal-istatus tal-artisti u l-prattikanti kulturali u kreattivi. Dan jirrikjedi l-faċilitazzjoni tal-iżvilupp artistiku kif ukoll tal-ikbar kunsiderazzjoni possibbli għad-dritt tal-libertà artistika, id-dritt tal-assoċjazzjoni, id-dritt għall-aċċess għal investiment pubbliku, u kundizzjonijiet ta' ħidma xierqa sabiex ikun hemm kontribuzzjoni lejn tkabbir settorjali sostenibbli (irreferi għall-Karta tal-Istatus tal-Artist u l-Politika Kulturali Nazzjonali ta' Malta tal-2021 għal aktar gwida).

b. Il-valutazzjoni u l-ippożizzjonar tad-diversità tal-espressjoni, aċċess, u parteċipazzjoni artistika u kulturali bħala integrali għall-ekoloġija kulturali u kreattiva aktar wiesgħa ta' Malta. In vista tal-Konvenzjoni tal-UNESCO dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali tal-2025, ir-rikonoxximent tad-drittijiet kulturali qiegħed fil-qalba tal-Istrateġija 2025 tal-KMA (irreferi għar-'Right to Culture – Resource Pack' għal aktar gwida).

c. It-tħaddin ta' prattiki u attivitajiet artistiċi u kulturali bħala kontributuri u pilastri għall-iżvilupp sostenibbli f'termini tas-sostenibbiltà u r-rabtiet tagħhom ma' dimensjonijiet soċjali, ekonomiċi, u ambjentali tal-benessri. L-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tal-Aġenda tan-NU tal-2030 huma l-bażi tal-prinċipji gwida tal-Istrateġija attwali tal-KMA, u jirrikjedu approċċi trans-settorjali, parteċipatorji, u ekwitabbli għall-prattiċi artistiċi u kulturali (irreferi għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU għal aktar gwida).

1.1.3. Il-KMA jirriserva d-dritt li ma jikkunsidrax l-proposta sottomessa jekk din ma taqbilx mal-prijoritajiet ta' din is-sejħa.

# 2 Definizzjonijiet

## Applikant

- Applikant irid ikun organizzazzjoni volontarja iskritta mal-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji.
- Il-kodiċi tal-NACE Rev 2.1 tal-applikant iridu jkunu:
  - S.90 - Attivitajiet ta' ħolqien tal-arti u tal-arti performattiva;
  - S.91.3 - Konservazzjoni, restawr, u attivatijiet t'appoġġ oħra għall-wirt kulturali;
  - S.94.99 - Attivitajiet ta' organizzazzjonijiet imsieħba oħra n.e.c.
- L-applikanti ma jistgħux ikunu impjegati tal-Kunsill Malti għall-Arti jew involuti fil-ġestjoni ta' *Investiment f'Organizzazzjonijiet Kulturali – Malta*.

## Applikazzjoni

- Applikazzjoni hija tressiq, inklużi d-dokumenti obbligatorji kollha u kwalunkwe anness għall-formola tal-applikazzjoni, imressqa minn applikant eliġibbli.

## Benefiċjarju

- Il-benefiċjarju huwa r-riċevitur tal-għotja. Il-benefiċjarju huwa responsabbli mit-twettiq tal-proposta appoġġjata mill-Programm. Il-benefiċjarju tal-għotja ma jistax jinbidel matul id-durata tal-proġett iffinanzjat u sakemm jinħareġ l-iżborż finali. L-iżborż tal-għotja jista' jinħareġ biss f'isem il-benefiċjarju. Il-benefiċjarju huwa responsabbli li jiżgura li kwalunkwe fattura tal-VAT hija maħruġa f'isem il-benfiċjarju u tinkludi l-informazzjoni tal-VAT tal-benefiċjarju. F'każ li l-benefiċjarju ma jwettaqx attività ekonomika u għalhekk ma għandux numru tal-VAT irreġistrat, dan għandu d-dmir li jaċċerta li jitlob irċevuta fiskali għall-prodotti u s-servizzi li rċieva.

## Professjonisti kreattivi

- Kwalunkwe individwi artistiċi u kreattivi attivi fis-setturi kulturali u kreattivi.

## Żborżament tal-Fondi

- L-għotja se tkun żborżata hekk kif indikat fuq it-2 paġna ta' dawn il-linji gwida u regolamenti. Pagament permezz ta' ċekk se jiġi maħruġ f'isem l-aplikant. L-applikant għandu jkollu kont bankarju attiv meta jressaq l-applikazzjoni.

## Eliġibbiltà

- Qabelxejn, isir skrinjar tal-applikazzjonijiet fir-rigward tal-eliġibbiltà teknika u artistika mill-amministraturi u l-ġesturi tal-Programm. Proposti li ma jinstabux eliġibbli ai termini tal-kriterji stabbiliti ma jibqgħux jiġu pproċessati u mhux ħa jiġu evalwati.

## Evalwazzjoni

- L-applikazzjonijiet meqjusa konformi u eliġibbli jiġu evalwati mill-evalwaturi maħtura skont il-kriterji stabbiliti f'dawn il-linji gwida u regolamenti.

## Evalwaturi

- Il-Kunsill Malti għall-Arti jaħtar tim t'evalwazzjoni għall-programm. Il-Kunsill Malti għall-Arti jista' jaħtar sija professjonisti lokali u sija barranin fis-settur tal-kultura u l-arti.

## Ġestjoni u Amministrazzjoni

- Il-Kunsill Malti għall-Arti huwa responsabbli għall-ġestjoni tal-programm. Kull korrispondenza uffiċjali, inkluż it-tressiq online tal-applikazzjonijiet, trid tintbagħat fuq l-indirizz indikat f'dawn il-linji gwida.

## Dokumentazzjoni mandatorja

- Id-dokument(i) meħtieġ(a) kollha li jappoġġja(w) il-proposta tiegħek u jgħin(u) l-evalwazzjoni tal-proġett tiegħek (e.ż. rekords preċedenti, portafolli, CVs artistiċi, korrispondenza uffiċjali li tikkonferma l-kiri ta' spazju, permessi, jew oħrajn); jekk jogħġbok irreferi għas-sezzjoni 5.1 ta' dawn il-linji gwida għal-lista ta' dokumenti mandatorji.

## Finanzjament massimu

- Hemm limitu massimu ta' €20,000 għal kull organizzazzjoni għal kull sena li se jiġi allokat. Dan se jiġi deċiż skont il-każ individwali, skont il-proġett.

## Organizzazzjonjiet Kulturali Pubbliċi

- Entitajiet kulturali pubbliċi li huma parti mill-mandat tal-Kunsill Malti għall-Arti, li jinkludu t-Teatru Manoel, Dar il-Mediterran għall-Konferenzi, l-Orkestra Filarmonika ta' Malta, Fondazzjoni Kreattività, Pjazza Teatru Rjal, Valletta Cultural Agency, Malta International Contemporary Arts Space, Festivals Malta, Teatru Malta, Kor Malta, u ŻfinMalta.

## Awtosostenibbiltà

- Tirreferi direttament għal dawk il-proġetti li jista' jkun, fil-qasir jew fit-tul, irendu lilhom infushom finanzjarjament sostenibbli, i.e. jistgħu jiġu implimentati mingħajr bżonn ta' investiment pubbliku. Is-sostenibbiltà finanzjarja tal-proġett tista' tirriżulta mill-kontribuzzjoni, parteċipazzjoni, jew investiment ta' partijiet terzi fil-prodotti jew servizzi li qed jiġu offruti mill-applikant(i) fi ħdan il-proġett propost.

## Impriża unika

- Tinkludi l-impriżi kollha li għandhom tal-anqas waħda minn dawn ir-relazzjonijiet ma' xulxin:
    - a. Impriża li għandha l-maġġoranza tad-dritt tal-vot tal-azzjonijisti jew tal-membri f'impriża oħra;
    - b. Impriża li għandha dritt li taħtar jew tneħħi l-maġġoranza tal-membri tal-amministrattiv, tal-maniġment, jew ta' korp ta' superviżjoni ta' impriża oħra;
    - c. Impriża li għandha d-dritt li teżerċita influwenza dominanti fuq impriża oħra, skont il-kuntratt fis-seħħ ma' dik l-impriża jew skont il-proviżjoni fil-memorandum jew artikli t'assoċjazzjoni;

d. Impriża li hija azzjonista jew membru f'impriża oħra, li tikkontrolla waħidha, skont ftehim ma' azzjonisti oħra jew membri oħra ta' dik l-impriża, maġġoranza tad-drittijiet tal-vot tal-azzjonisti jew membri ta' dik l-impriża.

Impriżi li għandhom kwalunkwe mir-relazzjonijiet riferuti f'punti (a) sa (d) f'impriża waħda jew iktar se jiġu meqjusa bħala impriża unika.

### Impriża

- Impriża hija defenita bħala entità involuta f'attività ekonomika fi ħdan it-tifsira tal-Artiklu 107 TFEU (i.e. kwalunkwe attività konsistenti fil-proviżjoni ta' oġġetti u servizzi għas-suq), irrespettivament mill-istatus legali u l-mod kif din tiġi ffinanzjata. Il-klassifikazzjoni ta' entità partikolari bħala impriża tiddependi kompletament fuq in-natura tal-attivitajiet tagħha. L-applikazzjoni tar-regoli tal-għajnuna tal-istat ma tiddependix fuq jekk din l-entità hux stabbilita biex tiġġenera l-profitti. Entitajiet li ma jagħmlux profitti jistgħu wkoll joffru oġġetti u servizzi għas-suq. Meta dan ma jkunx il-każ, entitajiet li ma jagħmlux profitt jaqgħu 'l barra mill-ambitu tal-għajnuna tal-istat. Barra minn hekk, il-klassifikazzjoni tal-entità bħala impriża hija dejjem relattiva għal attività speċifika. Entità li twettaq kemm attivitajiet ekonomiċi u mhux ekonomiċi tiġi meqjusa biss bħala impriża fir-rigward tal-ewwel minn dawn l-attivitajiet.

### Organizzazzjoni volontarja

- Organizzazzjoni li tkun stabbilita legalment u/jew irreġistrata pubblikament f'Malta u jkollha statut. L-organizzazzjonijiet volontarji għandhom ikunu iskritti mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji f'konformità mar-rekwiżiti (http://www.maltacvs.org) tal-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji (Kap 492 tal-Liġijiet ta' Malta). L-applikant għandu jkun rappreżentant legalment awtorizzat tal-organizzazzjoni.

# 3 Eliġibbiltà

Wara l-approvazzjoni tal-proposti, il-Kunsill Malti għall-Arti se jistabbilixxi programm ta' finanzjament għall-benefiċjarji wara negozjati fuq il-pjanijiet baġitarji proposti. L-għażla tal-allokazzjoni ta' finanzjament, kif ukoll il-massimu stabbilit, huwa fid-diskrezzjoni tal-Kunsill Malti għall-Arti.

Qabelxejn, il-proposti jiġu evalwati ai termini tal-eliġibbiltà teknika u artistika. Proposti ineliġibbli ai termini tal-punti t'hawn taħt ma jiġux proċessati aktar u ma jiġux evalwati.

**It-terminu ta' żmien biex jiġi implimentat il-proġett huwa ta' 36 xahar.**

## 3.1 Min jista’ japplika?

L-1 Fergħa, ‘Investiment fi Żvilupp Organizzattiv’, hija miftuħa għal organizzazzjonijiet volontarji iskritti mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji b’indirizz reġistrat f’Malta.

## 3.2 Min ma jistax japplika?

- Applikanti li l-profil tagħhom mhux verifikat, minħabba li l-profil tagħhom mhux komplut abbażi ta’ raġunijiet li jappartjenu man-nuqqas tad-dokumentazzjoni mandatorja li ġejja:
    - kopja tal-ID card tiegħek Maltija (inkluż in-naħa ta’ quddiem u ta’ wara) jew tal-permess ta’ residenza Maltija jew taċ-ċertifikat ta’ ċittadinanza Maltija jew tal-passaport Malti;
    - statut iffirmat f’każ ta’ organizzazzjoni volontarja.
- Applikanti li ma jikkwalifikawx taħt id-definizzjoni ta’ applikant għal din l-iskema speċifika;
- Benefiċjarji li ma ssottomettewx jew ma lestewx rapport finali relatat ma’ għotja preċedenti ffinanzjata mill-Kunsill Malti għall-Arti fl-iskadenzi ta’ żmien stabbiliti;
- Benefiċjarji li m’onorawx impenji ta’ finanzjament preċedenti;
- Organizzazzjonijiet/attivitajiet li jirċievu fondi lokali pubbliċi permezz ta’ line-votes governattivi stabbiliti;
- Organizzazzjonijiet volontarji li:
    - mhux iskritti mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji;
    - ma ppreżentawx kontijiet aġġornati lill-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji u li mhux konformi sad-data tal-applikazzjoni;
    - li m’għandhomx indirizz reġistrat f’Malta.

## 3.3 Liem spejjeż jistgħu jiġu koperti?

L-għotja ta’ kull sena tista’ tkopri sa 80% tal-ispejjeż totali sa massimu ta’ €20,000 għal kull benefiċjarju (skont liem hija l-inqas), soġġett għad-disponibbilta ta’ fondi governattivi, skont l-organizzazzjoni volontarja, u skont l-inizjattiva proposta. Il-Kunsill Malti għall-Arti jirriserva d-dritt li jagħti għotjiet lil benefiċjarji abbażi ta’ allokazzjoni fissa kull sena, mingħajr ma jeċċedi 80% tal-limitu ta’ ko-finanzjament jew l-allokazzjoni massima, skont il-proġett.

L-ammont mogħti huwa fid-diskrezzjoni tal-Bord tal-Evalwazzjoni mwaqqaf mill-Kunsill Malti għall-Arti.

Spejjeż eliġibbli huma s-segwenti:

- kiri ta’ spazji;

- miżati professjonali;
- spejjeż operazzjonali;
- taħriġ u żvilupp ta' membri attivi fl-organizzazzjoni;
- żvilupp tan-negozju (riċerka tas-suq, bejgħ, ittestjar, miżati jew salarji għar-riżorsi umani, u spejjeż amministrattivi).

Għal aktar informazzjoni fuq kif għandek tippreżenta l-baġit tiegħek, irreferi għall-Linji Gwida Ġenerali għall-Baġit tagħna, disponibbli fuq https://artscouncilmalta.gov.mt/funding-and-grants/general-budget-guidelines/.

## 3.4 Liem spejjeż ma jistgħux jiġu koperti?

- Baġits li jeċċedu 80% tal-ispiża tal-proġett;
- Kontribuzzjonijiet in natura li jeċċedu 15% tal-ispiża totali;
- Spejjeż diġà kopruti minn organizzazzjonijiet kulturali pubbliċi, jew minn programm/skema ta' finanzjament pubblika oħra ġestita jew ko-ġestita mill-Kunsill Malti għall-Arti jew aġenziji pubbliċi oħra, dipartimenti jew ministeri tal-gvern;
- Spejjeż iddikjarati mill-benefiċjarju u li diġà huma kopruti minn għotja oħra tal-Gvern ta' Malta;
- Spejjeż diġà kopruti minn baġits operazzjonali tas-soltu (spazju li diġà huwa fil-pussess tal-applikant jew sħab/organizzazzjoni t'appoġġ/individwu);
- Dejn u spejjeż tas-servizzi tad-dejn;
- Djun dubjużi;
- Telf fi skambji;
- Spejjeż meqjusa bħala eċċessivi jew bla rażan;
- Miżati għal servizzi pprovduti minn entitajiet pubbliċi, dipartimenti, jew ministeri tal-gvern oħra;
- Finanzjament għall-ħolqien ta' jew iż-żamma ta' kuntesti, boroż, premjijiet, jew boroż ta' studju;
- Interessi dovuti;
- Proviżjonijiet għal telf jew djun;
- VAT rifondibbli, fejn applikabbli;
- Spejjeż retroattivi;
- Rendiment fuq il-kapital;
- Għajxien, catering, u ospitalità.

## 3.5 Liem applikazzjonijiet mhux eliġibbli?

L-attivitajiet segwenti **mhumiex** eliġibbli taħt dan il-programm:

- Attivitajiet li huma intrinsikament ta' natura awtosostenibbli;
- Attivitajiet li mhumiex relatati mal-kultura, l-arti, u l-industriji kreattivi;
- Attivitajiet li l-għan tagħhom huwa l-ġbir ta' fondi jew propoganda politika;

- Applikazzjonijiet għall-finanzjament tal-ħolqien jew żamma ta' kuntesti, boroż, premjijiet, jew boroż ta' studji;
- Applikazzjonijiet sottomessi wara nofsinhar (12:00) tal-jum rispettiv tad-data tal-iskadenza;
- Applikazzjonijiet sottomessi minn entitajiet pubbliċi, sija dawk b'line vote u sija mingħajr;
- Spejjeż għal attivitajiet jew festivitajiet tradizzjonali;
- Avvenimenti miżmuma fuq bażi regolari, inkluż prestazzjonijiet tal-iskola/annwali, programmi ta' taħriġ regolari, u/jew avvenimenti ripetuti;
- Applikazzjonijiet mhux kompluti (irreferi għal-lista ta' kontroll tal-applikazzjoni f'sezzjoni 5.1);
- Moduli individwali akkreditati bħala parti minn xi kors edukattiv jew riċerka bħala parti minn xi programm akkademiku stabbilit;
- Inizjattivi eliġibbli taħt Festivals Malta, l-Iskema tal-Attivitajiet Kulturali Annwali, VOPS, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, Valletta Cultural Agency, Malta Arts Scholarships, jew kwalunkwe programm ieħor iffinanzjat mill-istat iddedikat għall-arti/kultura Maltija;
- Proġetti ta' natura intrinsikamnent awtosostenibbli;
- Proġetti li jkunu diġà bdew u/jew seħħew qabel ma r-riżultat ikun notifikat lill-applikant(i);
- Proġetti li t-tul tagħhom ma jinkwadrax totalment fi ħdan l-iskadenza ta' żmien eliġibbli.

Kwalunkwe attività oħra li tista' tiġi żviluppata lil hinn mill-ambitu ta' *Investiment f'Organizzazzjonijiet Kulturali – Malta – L-1 Fergħa* mhijiex eliġibbli għal appoġġ.

Applikanti jistgħu jissottomettu aktar minn applikazzjoni waħda taħt l-istess sejħa; madanakollu, applikazzjoni waħda biss tista' tiġi ffinanzjata kull sessjoni. Applikant li jkun appoġġjat permezz tal-1 Fergħa ma jkunx eliġibbli għal appoġġ permezz tat-2 Fergħa.

# 4 Evalwazzjoni

Il-Bord tal-Evalwazzjoni se jibbaża d-deċiżjoni tiegħu abbażi tal-kriterji segwenti:

## 4.1 L-1 Kriterju: Il-Proposta (40 marka)

Il-proposta trid tinkludi sommarju ċar tax-xiex, tal-għala, u tal-kif ta' din it-talba għal finanzjament. L-għanijiet u l-objettivi tal-proġett, inkluż l-iżvilupp organizzattiv propost u l-pjanijiet għall-bini tal-kapaċità, iridu jkunu ċarament defenuti. Il-proposta trid tkun allinjata mal-objettivi tal-programm hekk kif indikat fl-1 Sezzjoni ta' dawn il-linji gwida u regolamenti.

Il-proposta trid tindirizza s-segwenti:

- Xiex: Tipprovdi l-eżiti proposti u l-indikaturi ta' prestazzjoni ewlenin jew kriterji ta' suċċess. Irreferi għall-prijoritajiet indikati f'sezzjoni 1.1. (5 marki)

- Għala: Ipprovdi riċerka/dejta tal-isfond li fiha se jkun imsejjes il-proġett. Xi bżonnijiet immotivawk biex tfittex finanzjament għall-iżvilupp organizzattiv u bini tal-kapaċità? (5 marki)
- Kif: X’azzjonijiet se jkunu implimentati biex jindirizzaw il-bżonnijiet proposti? Min se jkun inkarigat biex jimplimenta dawn l-eżiti (ipprovdi l-portafolli tagħhom)? Kif se jkun allinjat mal-objettivi ta’ dan il-fond il-pjan propost? (10 marki)
- Ipprovdi pjan ta’ żvilupp organizzattiv u ta’ bini ta’ kapaċità. Dan għandu jinkludi pjan strateġiku għas-snin koperti mill-programm flimkien mal-viżjoni tal-organizzazzjoni, l-għanijiet tagħha, kif ukoll il-programm artistiku tagħha. Programm dettaljat tal-attivitajiet għall-1 sena u pjan aktar wiesa’ għat-2 u t-3 sena huma wkoll neċessarji. (20 marka)

## 4.2 It-2 Kriterju: Ġestjoni tal-Proġett (20 marka)

Il-ġestjoni tal-proġett trid tinkludi qafas ċar tax-xiex, tal-meta, u tal-fejn. Il-proposta ta’ finanzjament għandha tippreżenta pjan t’azzjoni maħsub sew ibbażata fuq riċerka tal-isfond. Din għandha tinkludi skeda ta’ żmien ċara li tindika l-istadji ewlenin tal-proġett. L-applikazzjoni trid tidentifika kwalunkwe theddida possibbli li kapaċi tostakola l-implimentazzjoni b’suċċess tal-proġett. F’din is-sezzjoni, il-mistoqsijiet segwenti għandhom jiġu indirizzati:

- Ipprovdi l-pjan għat-twettiq ta’ dawn l-attivitajiet proposti. Indika ċarament min se jkun responsabbli għal xiex (e.ż. ipprovdi skadenzi ta’ żmien, pjanijiet ta’ ħidma, responsabbiltajiet, ħiliet u rekords preċedenti tal-individwi li se jkunu qed jimmaniġġjaw il-proġett, pjan ta’ loġistika). Hemm xi permessi neċessarji, kwistjonijiet tad-drittijiet tal-awtur, jew kwalunkwe kwistjonijiet legali, etiċi, u amministrattivi oħra li jridu jiġu indirizzati? (5 marki)
- X’inhu l-grad ta’ flessibbiltà fl-ippjanar meta wieħed iqis ir-riskji u l-inċertezzi? X’inhuma l-miżuri ta’ mitigazzjoni maħsuba in vista tat-theddid potenzjali identifikat? (e.ż. ipprovdi pjanijiet ta’ kontinġenza, evalwazzjonijiet ta’ riskji, miżuri ta’ saħħa u sigurtà, aġġustamenti possibbli li kapaċi jseħħu) (5 marki)
- X’prattiċi ta’ żvilupp sostenibbli se jkunu adottati matul l-implimentazzjoni tal-programm? Irreferi għall-prijoritajiet indikati f’sezzjoni 1.1. (10 marki)

## 4.3 It-3 Kriterju: L-Involviment tal-Udjenza (20 marka)

Dan il-kriterju jikkunsidra l-involviment u l-iżvilupp tal-partijiet interessati kollha. Dan jista’ jinkludi l-istaff u l-membri attwali tal-organizzazzjoni, klijenti u udjenzi stabbiliti, kif ukoll partijiet interessati u udjenzi oħra li l-organizzazzjoni jista’ jkun qed taspira li tilħaq. Involviment jirreferi għall-irwol, in-natura tal-involviment fil-programm u l-esperjenza offruta lill-partijiet interessati. Dan il-kriterju jenfasizza l-livell t’involviment abbażi ta’ dak li qed jiġi propost mill-applikant/i f’konformità mal-mistoqsijiet segwenti:

- Min huma l-udjenzi fil-mira tiegħek (sija jek huma interni u/jew esterni) u kif se jkunu milħuqa dawn l-udjenzi? (5 marki)

- X'mekkaniżmi u strateġiji se tadotta sabiex tikkomunika u tippromwovi l-eżiti tal-programm mal-partijiet interessati tiegħek? Għala għażilt li tagħżel dawn il-mekkaniżmi speċifiċi? (Nota: il-pjan ta' komunikazzjoni jinkludi wkoll disseminazzjoni interna li jista' jkun ma tkunx disponibbli fuq livell pubbliku) (5 marki)
- B'referenza għall-prijoritajiet elenkati f'sezzjoni 1.1., elabora fuq kif il-prattiċi t'involviment tal-udjenza qed irawwmu l-impenn tal-organizzazzjoni lejn drittijiet kulturali (10 marki)

## 4.4 Ir-4 Kriterju: Baġit (20 marka)

Dan il-kriterju se jikkunsidra kemm hu maħsub sew u realistiku l-pjan tal-baġit annwali ppreżentat. Dan jikkunsidra wkoll l-isforzi biex jiġu akkwistati fondi minn sorsi oħra. Il-mistoqsijiet segwenti jridu jiġu indirizzati:

- Ipprovdi pjan dettaljat għal baġit ta' dħul-spejjeż għall-1 Sena u tbassir għas-sentejn konsekuttivi. (10 marki)
- X'inhuma l-ispejjeż ibbaġitjati li huma kemm direttament u indirettament marbuta mat-twettiq tal-programm/pjan propost? (e.ż. spejjeż fissi attwali bħal miżati artistiċi għal produzzjonijiet speċifiċi) X'inhu d-dħul annwali bbaġitjat għall-programm/pjan propost? Jekk l-ebda dħul mhu mbassar, x'inhi l-ġustifikazzjoni għat-tali? Ippreżenta dokument ta' paġna waħda bl-assunzjonijiet, spjegazzjonijiet, notamenti, u ħidma tal-baġit. (10 marki)

# 5 Tressiq tal-applikazzjoni

Segwi dawn il-passi biex tapplika:

1. Aqra dawn il-linji gwida u regolamenti bir-reqqa.
2. Ara jekk l-idea tal-proposta tiegħek tistax tiġi ttrattata minn dan il-programm.
3. Agħfas fuq il-ħolqa li tieħdok fis-sistema tal-applikazzjoni online
4. Jekk ma għandekx profil, oħloq il-profil tiegħek mal-Kunsill Malti għall-Arti billi tagħfas fuq 'Irreġistra' u imla d-dettalji. L-applikanti huma mitluba li jirreġistraw il-profil tagħhom fuq is-CRM tal-KMA minn tal-anqas ġimagħtejn qabel id-data tal-iskadenza tas-sejħa.
5. Mit-taqsima tas-sejħiet miftuħa, agħżel l-applikazzjoni online tal-programm li trid tapplika għalih.
6. Segwi l-istruzzjonijiet pass wara pass. Imla l-informazzjoni meħtieġa kollha fl-applikazzjoni online, inkluż il-baġit, u ehmeż id-dokumentazzjoni ta' sostenn.
7. Ibgħat l-applikazzjoni. Għandek tirċievi konferma awtomatika tal-wasla tagħha mis-sistema. Jekk ma tirċievi ebda notifika bħal din, ikkuntattjana fuq applyforfunds@artscouncil.mt.

L-applikanti jeħtieġu jirreġistraw profil fuq is-CRM tal-KMA min tal-inqas gimagħtejn qabel id-data ta' skadenza tas-sejħa.

Kemm-il darba jkollok xi diffikultà jew tixtieq tikkonsultana dwar dan il-fond, tista' ċċemplilna fuq 2334 7230 mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn id-09:00 u l-16:00 jew tibagħtilna email fuq fundinfo@artscouncil.mt.

Hija r-responsabbiltà tiegħek li tippreżenta formola ta' applikazzjoni kompluta kif spjegat f'dawn il-linji gwida u regolamenti. Jekk ma tippreżentax l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni meħtieġa kollha, l-applikazzjoni tiegħek ma tiġix ipproċessata u evalwata.

Il-formoli tal-applikazzjoni tiegħek mhux ser jiġu ċċekkjati minn rappreżentanti tal-Kunsill Malti għall-Arti qabel id-data tal-iskadenza tal-applikazzjoni. Il-Kunsill Malti għall-Arti għandu d-diskrezzjoni esklussiva li jitlob lill-applikanti jipprovdu kwalunkwe dokumentazzjoni obbligatorja nieqsa wara d-data tal-iskadenza tas-sejħa.

Mat-tressiq tal-applikazzjoni l-applikanti jaċċettaw li jekk l-applikazzjoni tingħata l-finanzjament mitlub, l-isem, it-titlu tal-proġett, id-deskrizzjoni qasira tal-proġett, u l-ammont mogħti jistgħu jiġu ppubblikati mill-Kunsill Malti għall-Arti.

Id-deċiżjoni dwar il-finanzjament tittieħed abbażi tal-kwalità tal-informazzjoni mressqa u d-dokumenti li jsostnu l-proposta.

L-applikazzjonijiet illi jaslu wara 12.00 (nofsinhar) tad-data tal-iskadenza rispettiva ma jiġux aċċettati.

## 5.1 Il-lista ta' kontroll

Sabiex ikunu kompluti, l-applikazzjonijiet iridu jinkludu:

- kopja taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-VAT li juri n-NACE code Rev. 2.1 applikabbli, fejn applikabbli;
- baġit ta' dħul-spiża dettaljat għall-1 sena u tbassir għas-sentejn konsekuttivi;
- programm propost t'attivitajiet għall-perjodu li tkun applikajt għalih; dan jista' jinkludu avvenimenti, produzzjonijiet, prestazzjonijiet, esebizzjonijiet, festivals, inizjattivi ta' taħriġ u żvilupp artistiku u kulturali li huma relevanti għall-objettivi tal-applikant (programm dettaljat tal-1 sena, u programm ta' tbassir għas-sentejn konsekuttivi);
- baġit dettaljat propost għall-1 sena u baġit ta' tbassir għat-2 u t-3 sena;
- bijografija/CV artistika tal-applikant għandha tiġi inkluża fil-profil tal-applikant;
- awdjoviżwali/portafoll li juri x-xogħol tal-applikant, skont kif relevanti għall-proposta (awdjoviżwali sa 5MB jistgħu jiġu mtella' direttament fil-formola tal-applikazzjoni; f'każ ta' files ikbar, dawn jistgħu jiġu pprovduti b'link);
- ittri t'intenzjoni minn kollaboraturi;
- kwotazzjonijiet sabiex jappoġġja l-baġit ta' dħul-spiża tal-1 sena;
- pjan strateġiku;

- ir-rekords preċedenti tal-applikanti u l-kollaboraturi—dan jinkludi CV, portafolli artistiċi, u dokumentazzjoni relatata;
- dikjarazzjoni de minimis, fejn applikabbli (irreferi għal Sezzjoni 9).

# 6 Proċess t’evalwazzjoni

Dan il-fond hu kompetittiv u se jiġi evalwat minn panel ta’ tliet esperti relevanti, skont il-kriterji stabbiliti.

Kif speċifikat hawn fuq, kull kriterju hu allokat numru speċifiku ta’ marki. Biex proġett jiġi kkunsidrat għal finanzjament, jeħtieġ jikseb minimu ta’ 60 marka.

Madankollu, is-sessjoni tal-evalwazzjoni u d-deċiżjonijiet ta’ finanzjament jiddependu fuq il-kwalità tal-proposti mressqa u d-disponibbiltà tal-fondi. Għalhekk, kisba ta’ 60 marka jew aktar ma jfissirx li l-proposta tal-proġett tiegħek se tiġi ffinanzjata awtomatikament. Il-Bord tal-Evalwazzjoni jista’ jiddeċiedi li ma jallokax il-fondi kollha disponibbli għal sejħa partikolari jekk il-proġetti proposti ma jilħqux il-livell meħtieġ skont it-termini tal-kriterji tal-programm.

L-applikazzjonijiet eliġibbli jiġu evalwati minn tim ta’ evalwazzjoni magħżul mill-Kunsill Malti għall-Arti abbażi tal-esperjenza professjonali tagħhom. Il-Kunsill Malti għall-Arti jagħżel evalwaturi abbażi tal-esperjenza indipendenti u professjonali tagħhom. L-evalwaturi jippreżentaw evalwazzjoni għal kull proġett propost u jindikaw il-klassifikazzjonijiet relevanti.

## 6.1 Shortlisting

Il-bord t’evalwazzjoni se jiltaqa’ matul l-evalwazzjoni inizjali li fiha kull applikant eliġibbli se jiġi diskuss. L-applikazzjonijiet se jingħataw marka, u dawk li jingħataw 60 marka jew aktar se jiġu shortlisted. L-applikazzjonijiet shortlisted se jattendu sessjoni ta’ pitching online. Din is-sessjoni ta’ pitching hija obbligatorja; massimu ta’ tliet parteċipanti jistgħu jattendu s-sessjoni ta’ pitching.

Huwa totalment fid-diskrezzjoni tal-evalwaturi li jistiednu kwalunkwe applikant li jkun ġab inqas minn 60 marka sabiex jattendi sessjoni ta’ pitching.

L-applikazzjonijiet kollha, inkluż dawk mhux shortlisted, se jirċievu notifikazzjoni tar-riżultat uffiċjali flimkien ma’ kopja tal-formola ta’ evalwazzjoni fid-data tar-riżultat indikata fit-3 paġna ta’ dan id-dokument.

## 6.2 Pitching

L-għan tas-sessjoni online ta' pitching huwa biex tinħoloq opportunità għall-applikanti sabiex joħolqu każ għall-proġetti tagħhom mal-evalwaturi. L-applikazzjonijiet tal-proġetti jkunu diġà ġew evalwati mill-evalwaturi u l-ġestitur tal-fond qabel is-sessjoni ta' pitching.

Matul is-sessjoni online, l-applikant ikollu l-opportunità biex jippreżenta kummenti, l-għarfien l-aktar riċenti, kif ukoll addizzjonijiet għad-deskrizzjoni tal-proġett li tkun diġà sottomessa.

Il-pitching tista' tiġi ppreżentata f'varjetà ta' formati, inkluż, iżda mhux limitat għal, għajnuniet viżwali, preżentazzjonijiet bil-Power Point, awdjo, eċċ, li m'għandhomx ikunu itwal minn għaxar (10) minuti. Matul il-pitching, l-applikanti huma mistennija li jispjegaw il-viżjoni artistika tal-proġett u jikkomunikaw kif il-proġett se jiġi implimentat. Il-pitching t'għaxar minuti se tkun segwita minn sessjoni ta' Q&A mal-panel tal-evalwaturi.

## 6.3 Il-komunikazzjoni tar-riżultati

Fil-jum indikat f'paġna 3, għandek tirċievi n-notifika tar-riżultat tiegħek mill-Kunsill Malti għall-Arti. Flimkien mal-ittra ta' akkumpanjament, se nehmżu wkoll kopja tal-formola tal-evalwazzjoni li tindika r-raġunijiet u l-marki li wasslu għad-deċiżjoni tal-Bord tal-Evalwazzjoni, skont il-kriterji tal-Programm.

L-ordni tal-klassifika tal-proġetti, skont il-marki allokati mill-evalwaturi, tiġi ppubblikata online. Jiġu ppubblikati biss l-ismijiet u s-sommarji tal-proġetti magħżula; fil-każ ta' proġetti li ma jingħatawx il-fondi, jiġi ppubblikat biss in-numru ta' referenza tagħhom.

Jekk ikollok xi diffikultà rigward ir-riżultati tiegħek tista' tibagħtilna email fuq fundinfo@artscouncil.mt fi żmien ħamest (5) ijiem minn meta tirċievi d-deċiżjoni dwar il-finanzjament.

Ma tinħareġ ebda informazzjoni dwar il-proċess tal-evalwazzjoni qabel in-notifika uffiċjali tar-riżultati.

Kwalunkwe forma ta' sollecitazzjoni tiskwalifika awtomatikament l-applikazzjoni.

L-informazzjoni kollha li jirċievu l-Unit tal-Finanzjament, il-Ġestitur tal-Fond, u l-Evalwaturi titqies kunfidenzjali, kemm waqt kif ukoll wara l-proċess tal-evalwazzjoni. Id-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni u l-kunfidenzjalità tad-dejta għall-proġetti li jiksbu l-fondi jiġu inklużi fil-ftehim tal-għotja.

# 7 Implimentazzjoni tal-proġett u moniteraġġ

Kuntratt li jispeċifika l-kundizzjonijiet tal-programm se jiġi ffirmat. Il-pagament ta’ qabel il-finanzjament li se jikkonsisti f’100% tal-ammont allokat mill-Bord tal-Evalwazzjoni għas-sena 2026 se jiġi pproċessat wara l-iffirmar tal-kuntratt. L-ammont allokat għas-sena 2027 se jiġi pproċessat wara t-tressiq u l-approvazzjoni tar-rapport ta’ progress għas-sena 2026, inkluż kontijiet ivverifikati u fatturi tal-VAT għall-Pjan t’Azzjoni tas-sena 2027. 70% tal-ammont mogħti għas-sena 2028 se jiġi pproċessat mat-tressiq u l-approvazzjoni tar-rapport ta’ progress għas-sena 2027, inkluż kontijiet ċertifikati u fatturi tal-VAT, u l-Pjan t’Azzjoni għas-sena 2028. It-30% li jifdal se jiġu żborżati wara t-tressiq u l-approvazzjoni tar-rapport finali għas-sena 2028, inkluż kontijiet u fatturi tal-VAT iċċertifikati.

Il-benefiċjarji jridu jużaw il-logo tal-Kunsill Malti għall-Arti fuq kwalunkwe materjal relatat u jispeċifikaw li l-proġett kien appoġġjat mill-għotja hekk kif ġej: **Appoġġjat mill-Kunsill Malti għall-Arti**, f’kwalunkwe reklamar, PR, u materjal stampat. L-għotja rċevuta trid tintuża biss għall-iskop li tkun ingħatat, f’konformità mal-proposta sottomessa u l-kuntratt.

Il-benefiċjarji jridu jinnotifikaw lill-Kunsill Malti għall-Arti immedjatament jekk bidliet li jaffettwaw in-natura tal-proġett iseħħu matul l-implimentazzjoni. Bidliet ma jistgħux jiġu implimentati fl-assenza ta’ approvazzjoni. Il-Kunsill Malti għall-Arti jirriserva id-dritt li jirrevedi jew li ma jfornix il-pagament finali jekk il-bidla fil-proġett ma tkunx meqjusa bħala f’konformità mal-applikazzjoni inizjali, jew jekk il-Kunsill ma jkunx infurmat bil-bidliet fi żmien raġjonevoli.

Il-benefiċjarji jridu jagħmlu lilhom infushom disponibbli għal żjarat minn u komunikazzjoni ma’ rappreżentanti tal-Kunsill Malti għall-Arti għal skopijiet ta’ moniteraġġ, sija waqt l-implimentazzjoni tal-proġett u sija wara t-tlestija tiegħu.

Il-Kunsill Malti għall-Arti jirriserva d-dritt ukoll li jirrevedi l-pagament finali jekk l-ispiża totali tkun inqas minn dik stmata fil-formola tal-applikazzjoni.

## 7.1 Rapport

Fi tmiem kull sena, se tkun mitlub biex tissottometti rapport dettaljat li jelenka l-ħidma mwettqa u l-kisbiet tal-proġett, sa mhux aktar tard minn tmien (8) ġimgħat wara li l-proġett annwali tiegħek ikun ġie konkluż. Il-Kunsill Malti għall-Arti se jipprovdi templates għar-rapporti tiegħek. Jekk relevanti, flimkien ma’ dan ir-rapport, il-benefiċjarji jridu jipprovdu kopji ta’ kull reklamar relevanti, pubbliċità, jew materjal t’informazzjoni żviluppat għal dan il-proġett iffinanzjat. Il-benefiċjarji se jkunu mitluba wkoll li jissottomettu evidenza tal-proċess ta’ riċerka, li jinkludi dokumentazzjoni viżwali (minimu ta’ 5 immaġni ta’ reżoluzzjoni għolja għandhom jiġu sottomessi), blogs, u dokumentazzjoni oħra.

Il-benefiċjarji jridu jipprovdu spjegazzjoni dettaljata u ċċertifikata tal-baġit aħħari. Dan il-baġit irid ikun ippreparat f'konformità mal-istandards finanzjarji applikabbli u allinjat ma' dawn il-linji gwida u regolament, u jridu jkun iċċertifikat minn accountant jew awditur b'warrant.

Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jitlob lill-benefiċjarju sabiex jissottometti l-fatturi tal-VAT u/jew l-irċevuti fiskali sabiex jappoġġja l-baġit dettaljat iċċertifikat.

Fi tmien l-1 u t-2 sena, se tkun mitlub sabiex tissottometti pjan t'azzjoni u spjegazzjoni dettaljata tal-baġit għall-programm tas-sena segwenti.

Il-Kunsill Malti għall-Arti jirriserva d-dritt li jagħmel użu mill-materjal tal-proġett sottomess.

Il-Kunsill Malti għall-Arti jirriserva d-dritt li jirkupra fondi f'każ li dawn ma jkunux qed jiġu użati u/jew qed jiġu użati mhux kif suppost u/jew mhux skont il-baġit sottomess.

# 8 Proċedura tal-ilmenti

It-tressiq ta' lment ma jaffettwax iċ-ċans tiegħek li tirċievi appoġġ mingħand il-Kunsill Malti għall-Arti fil-futur. Kull ilment jiġi ttrattat b'mod kunfidenzjali.

## 8.1 Bażi għall-ilmenti

L-applikanti jistgħu jressqu lment rigward anomaliji u irregolaritajiet fil-proċedura waqt il-proċess tat-tressiq tal-applikazzjoni u tal-evalwazzjoni skont il-proċeduri stipulati f'dawn il-linji gwida u regolamenti. Ma jistgħux isiru lmenti dwar:

- Il-politiki u l-proċeduri tal-Kunsill Malti għall-Arti jew tal-Gvern.
- Il-merti tal-applikazzjoni f'termini tal-kriterji stipulati f'dawn il-linji gwida u regolamenti. L-applikanti biss jistgħu jressqu lmenti dwar il-proġett tagħhom.

## 8.2 It-tressiq ta' lment

L-ilmenti għandhom isiru bil-miktub u jkunu ċari kemm jista' jkun. L-ilment għandu jispeċifika l-bażi u r-raġunijiet għall-ilment, jagħti spjegazzjoni dettaljata u ġustifikazzjoni sostnuta b'dokumentazzjoni jew b'xhieda relevanti dwar għaliex l-ilmentatur jidhirlu li twettqu irregolaritajiet fil-proċedura/i stipulata/i f'dawn il-linji gwida u regolamenti jew f'regoli u regolamenti ta' governanza tajba standard li jirregolaw lis-settur pubbliku. Id-deċiżjoni meħuda fi tmiem il-proċess tal-ilment tibqa' finali. L-ilmenti għandhom isiru lid-Direttur tal-Finanzjament u l-Istrateġija, il-Kunsill Malti għall-Arti, fi żmien ħamest (5) ijiem tax-xogħol minn meta tirċievi d-deċiżjoni dwar il-finanzjament. Normalment tirċievi tweġiba fi żmien għaxart (10) ijiem tax-xogħol.

Kemm-il darba ma tkunx sodisfatt bit-tweġiba, il-Kunsill Malti għall-Arti jifforma bord li jiddiskuti l-ilment tiegħek f'aktar dettall. Jekk tuża l-proċedura tal-ilmenti tagħna jkun ifisser li taċċetta li nistgħu nużaw l-informazzjoni dwar il-proġett tiegħek biex nittrattaw l-ilment. Id-deċiżjoni tal-bord tkun finali.

# 9 Applikabbiltà tar-regoli fuq għajnuna tal-istat

## 9.1 Organizzazzjonijiet volontarji li ma jwettqux attività ekonomika fi ħdan it-tifsira tal-Artiklu 107 TFEU

Organizzazzjonijiet volontarji li ma jwettqux attività ekonomika fi ħdan it-tifsira tal-Artiklu 107 TFEU jistgħu japplikaw għal dan il-programm ukoll. Ir-regoli elenkati f'sezzjoni 9.2 hawn taħt mhumiex applikabbli f'tali każ.

## 9.2 Regoli tal-għajnuna tal-istat applikabbli għal organizzazzjonijiet volontarji li jwettqu attività ekonomika fi ħdan it-tifsira tal-Artiklu 107 TFEU

L-iskema tal-għajnuna tal-istat se tkun implimentata skont il-proviżjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/2831 tat-13 ta' Diċembru 2023 fuq l-applikazzjoni tal-Artikli 107 u 108 tat-Trattat tal-Iffunzjonar tal-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' għajnuna de minimis.

Dan ir-regolament japplika għal għajnuna mogħtija lil impriżi f'kull settur, bl-eċċezzjoni ta':

1. għajnuna mogħtija lil impriża attiva fil-produzzjoni primarja ta' prodotti tas-sajd jew l-akkwakultura;
2. għajnuna mogħtija lil impriżi attivi fl-ipproċessar u r-reklamar ta' prodotti tas-sajd jew l-akkwakultura, fejn l-ammont t'għajnuna huwa fiss abbażi tal-prezz jew kwantità tal-prodotti mixtrija jew poġġuti fis-suq;
3. għajnuna mogħtija lil impriżi attivi fil-produzzjoni primarja tal-prodotti agrikoli;
4. għajnuna mogħtija lil impriżi attivi fis-settur tal-iproċessar u l-kummerċ tal-prodotti agrikoli, f'dawn il-każi li ġejjin:

   a. fejn l-ammont tal-għajnuna huwa ffissat abbażi tal-prezz jew tal-kwantità ta' dawn il-prodotti mixtrija minn produtturi primarji jew impoġġija fuq is-suq mill-impriżi kkonċernati;

   b. fejn l-għajnuna hija kkundizzjonata mill-fatt li hi parzjalment jew totalment mgħoddija lill-produtturi primarji;

5. għajnuna mogħtija lil attivitajiet relatati mal-esportazzjoni għal pajjiżi terzi jew Stati Membri, cioè għajnuna direttament relatata mal-kwantitajiet esportati, mal-istabbilixximent u l-operazzjoni ta' netwerk ta' distribuzzjoni jew ma' xi spejjeż attwali relatati mal-attività tal-esportazzjoni;
6. għajnuna kontinġenti fuq l-użu tal-oġġetti u servizzi domestiċi minflok oġġetti u servizzi impurtati.

L-ammont totali ta' għajnuna de minimis mogħtija lil impriża unika mhux se jaqbeż l-ammont ta' €300,000 f'perjodu ta' tliet snin. Dan il-perjodu jiġi evalwat fuq bażi kontinwa.

Il-limitu massimu previst jinkludi wkoll l-għajnuna tal-istat kollha mogħtija taħt din l-iskema kif ukoll kwalunkwe għajnuna tal-istat moħgtija taħt ir-regolament de minimis, inkluż dik irċevuta minn entità oltre mill-Kunsill Malti għall-Arti. Kwalunkwe għajnuna de minimis irċevuta li teċċedi l-limitazzjoni stabbilita trid tiġi rikoverata, bl-interessi, mill-impriża li tkun qed tirċievi l-għajnuna.

Ir-regoli fuq il-kumulazzjoni tal-għajnuna hekk kif deskritti f'Artiklu 5 tar-regolament de minimis se jiġu rispettati.

L-applikanti jridu jissottomettu dikjarazzjoni ta' de minimis li fiha jindikaw kwalunkwe għajnuna de minimis oħra rċevuta u/jew li applikaw għaliha matul il-perjodu tat-tliet snin ta' qabel. Din tiżgura li l-ammont ta' għajnuna de minimis mogħti lil kull impriża unika taħt ir-regolament de minimis ma teċċedix il-limitu previst applikabbli ta' de minimis fuq il-medda ta' tliet snin applikabbli.

Jekk applikant magħżul ma jkunx eliġibbli għal għajnuna de minimis, tali applikant jiġi kkunsidrat bħala ineliġibbli u l-applikant li jmiss fil-lista jiġi magħżul.

F'konformità mar-regolament tal-għajnuna tal-istat de minimis, rikordji fir-rigward ta' għajnuna de minimis iridu jiġu miżmuma għal 10 snin mid-data li l-għajnuna tkun ġiet mogħtija taħt dan il-programm.

**Pubblikazzjoni f'Reġistru Ċentrali**

F'konformità mal-Artiklu 6(1) tar-Regolament de minimis, tal-1 ta' Jannar 2026, informazzjoni fuq għajnuna de minimis mogħtija taħt din l-iskema se tkun pubblikament disponibbli f'reġistru ċentrali.

L-informazzjoni li ġejja se tkun pubblikament disponibbli:

- l-identifikazzjoni tal-benefiċjarju;
- l-ammont t'għajnuna;
- id-data tal-għotja;
- l-istrument tal-għajnuna; u
- is-settur involut abbażi tal-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi fl-Unjoni ('klassifikazzjoni NACE').

# Teħtieġ parir?

Il-KMA joffri servizzi ta' konsulenza qabel it-tressiq sabiex jgħinek tikseb l-appoġġ għall-proġett tiegħek. Aħna nkunu hemm f'kull pass tal-proċess. Aħna nistgħu ngħinuk tiddetermina jekk il-kunċett ewlieni u l-profil tal-proġett tiegħek humiex f'konformità mal-mekkaniżmu t'appoġġ fil-mira, u nipprovdu evalwazzjoni fuq il-mod ta' kif għandek tippjana sabiex tippreżenta l-proġett tiegħek. Ippjana bil-quddiem u kellimna mill-inqas erba' ġimgħat qabel id-data tal-iskadenza għat-tressiq tal-applikazzjoni biex b'hekk tuża s-servizzi tagħna bl-aħjar mod.

Tista' ċċemplilna fuq 2334 7230, matul il-ġimgħa, bejn id-09:00 u l-16:00, jew tibgħat email fuq fundinfo@artscouncil.mt.

**Linji gwida aġġornati fil-5 t'Awwissu 2025**

# It-2 Fergħa: Investiment f’programmi u avvenimenti kulturali rikorrenti

**Linji Gwida u Regolamenti**

KUNSILL
MALTI
GĦALL-ARTI

# Allokazzjonijiet

| BAĠIT TAS-SESSJONI | AMMONT ELIĠIBBLI MASSIMU GĦAL KULL ORGANIZZAZZJONI |
|---|---|
| EUR 280,000 kull sena | EUR 30,000 kull sena<br><br>L-ammont se jkun mogħti għal perjodu ta' tliet snin konsekuttivi.<br>Soġġett għad-disponibbiltà tal-fondi tal-gvern. |

| KO-FINANZJAMENT | ŻBORŻAMENT |
|---|---|
| Il-programm jista' jkopri sa 80% tal-ispejjeż totali tal-proġett | 100% tal-pagament applikabbli għall-1 sena bħala finanzjament minn qabel u mal-iffirmar tal-kuntratt.<br><br>100% tal-pagament tat-2 sena mal-approvazzjoni tar-rapport tal-progress tal-2026 u l-pjan t'azzjoni għas-sena 2027.<br><br>70% tal-pagament tat-3 sena mal-approvazzjoni tar-rapport tal-progress tal-2027 u tal-pjan t'azzjoni għas-sena 2028.<br><br>30% tal-pagament tat-3 sena mal-approvazzjoni tar-rapport finali għas-sena 2028. |

# Skedi ta' żmien

| DATA TA' SKADENZA GĦALL-APPLIKAZZJONIJIET | RIŻULTATI | TUL TAL-PROĠETT | SKEDI TA' ŻMIEN ELIĠIBBLI |
|---|---|---|---|
| 11 ta' Novembru 2025 | 8 ta' Jannar 2026 | 36 xahar | L-1 ta' Jannar 2026 – Il-31 ta' Diċembru 2028 |

# 1 Introduzzjoni

Permezz ta' din l-inizjattiva, il-Kunsill Malti għall-Arti għandu l-għan li joħloq sħubiji ma' organizzazzjonijiet volontarji lokali li joperaw fis-setturi kulturali u kreattivi. Dawn l-organizzazzjonijiet se jikkollaboraw mal-Kunsill Malti għall-Arti sabiex iwettaq il-viżjoni tiegħu, u cioè, li "aħna rridu li l-arti tkun fil-qalba tal-futur ta' Malta", u sabiex il-Kunsill iwettaq il-missjoni tiegħu, "xprunat bl-impenn tagħna għad-drittijiet kulturali, fejn ninvestu fl-arti sabiex insaħħu l-ekoloġija kreattiva u kulturali ta' Malta".

Il-programm hu intenzjonat li jipprovdi appoġġ stabbli lil organizzazzjonijiet sabiex jippjanaw, jikbru, jiżviluppaw, u jwettqu l-għanijiet strateġiċi tal-KMA, primarjament indirizzati lejn professjonisti u komunitajiet kreattivi, partikolarment sabiex:

1. Jinvestu u jrawwmu espressjoni artistika u kulturali diversa;
2. Jappoġġjaw u jippromwovu l-kundizzjonijiet li fihom is-setturi kulturali u kreattivi ta' Malta jistgħu jiffjorixxu;
3. Jippromwovu u jipprovdu opportunitajiet immexxija mill-komunità sabiex jinvolvu ruħhom fl-arti u l-kultura;
4. Isaħħu r-relazzjonijiet internazzjonali kulturali ta' Malta billi jiżviluppaw skambji u kollaborazzjonijiet internazzjonali artistiċi;
5. Irawwmu kollaborazzjonijiet trans-settorjali li jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli ta' Malta.

Il-Kunsill Malti għall-Arti se jkun qiegħed jirċievi applikazzjonijiet minn organizzazzjonijiet volontarji iskritti mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji li għandhom il-potenzjal li jagħmlu kontribut sinifkanti għall-prijoritajiet u ambizzjonjiet indikati hawn fuq.

Il-fondi allokati għal dawn l-organizzazzjonijiet magħżula se jkopru attivitajiet li se jseħħu fl-2026, 2027, u l-2028.

Il-programm huwa kompost minn żewġ fergħat:

L-1 Fergħa, **'Investiment fi Żvilupp Organizzattiv'**, tiffoka fuq il-bini tal-kapaċità u l-iżvilupp tan-negozju. (Jekk jogħġbok irreferi għal-linji gwida u regolamenti tal-1 Fergħa).

It-2 Fergħa, **'Investiment f'Programmi u Avvenimenti Kulturali Rikorrenti'**, tiffoka fuq l-iżvilupp ta' opportunitajiet professjonali għal artisti u udjenzi.

Applikazzjonijiet għat-2 Fergħa jridu jsiru permezz tal-formola tal-applikazzjoni korretta.

## 1.1 Prinċipji Ġenerali

1.1.1. Il-KMA se jkun qiegħed jirċievi proposti minn organizzazzjonijiet volontarji iskritti mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji li huma konformi u joperaw fis-setturi kulturali u kreattivi li għandhom il-potenzjal li jagħmlu kontribut sinifikanti għall-għanijiet u prinċipji tal-Istrateġija attwali tal-KMA.

1.1.2. L-organizzazzjonijiet u l-programmi tagħhom huma mistennija li jiġu żviluppati u implimentati b'impenn lejn:

a. It-tħaddin tal-avvanz tal-istatus tal-artisti u l-prattikanti kulturali u kreattivi. Dan jirrikjedi l-faċilitazzjoni tal-iżvilupp artistiku kif ukoll tal-ikbar kunsiderazzjoni possibbli għad-dritt tal-libertà artistika, id-dritt tal-assoċjazzjoni, id-dritt għall-aċċess għal investiment pubbliku, u kundizzjonijiet ta' ħidma xierqa sabiex ikun hemm kontribuzzjoni lejn tkabbir settorjali sostenibbli (irreferi għall-Karta tal-Istatus tal-Artist u l-Politika Kulturali Nazzjonali ta' Malta tal-2021 għal aktar gwida).

b. Il-valutazzjoni u l-ippożizzjonar tad-diversità tal-espressjoni, aċċess, u parteċipazzjoni artistika u kulturali bħala integrali għall-ekoloġija kulturali u kreattiva aktar wiesgħa ta' Malta. In vista tal-Konvenzjoni tal-UNESCO dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali tal-2025, ir-rikonoxximent tad-drittijiet kulturali qiegħed fil-qalba tal-Istrateġija 2025 tal-KMA (irreferi għar-'Right to Culture – Resource Pack' għal aktar gwida).

c. It-tħaddin ta' prattiki u attivitajiet artistiċi u kulturali bħala kontributuri u pilastri għall-iżvilupp sostenibbli f'termini tas-sostenibbiltà u r-rabtiet tagħhom ma' dimensjonijiet soċjali, ekonomiċi, u ambjentali tal-benessri. L-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tal-Aġenda tan-NU tal-2030 huma l-bażi tal-prinċipji gwida tal-Istrateġija attwali tal-KMA, u jirrikjedu approċċi trans-settorjali, parteċipatorji, u ekwitabbli għall-prattiċi artistiċi u kulturali (irreferi għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU għal aktar gwida).

1.1.3. Il-KMA jirriserva d-dritt li ma jikkunsidrax l-proposta sottomessa jekk din ma taqbilx mal-prijoritajiet ta' din is-sejħa.

# 2 Definizzjonijiet

## Applikant

- Applikant irid ikun organizzazzjoni volontarja iskritta mal-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji.
- Il-kodiċi tal-NACE Rev 2.1 tal-applikant iridu jkunu:
    - S.90 - Attivitajiet ta’ ħolqien tal-arti u tal-arti performattiva;
    - S.91.3 - Konservazzjoni, restawr, u attivatijiet t’appoġġ oħra għall-wirt kulturali;
    - S.94.99 - Attivitajiet ta’ organizzazzjonijiet imsieħba oħra n.e.c.
- L-applikanti ma jistgħux ikunu impjegati tal-Kunsill Malti għall-Arti jew involuti fil-ġestjoni ta’ *Investiment f’Organizzazzjonijiet Kulturali – Malta*.

## Applikazzjoni

- Applikazzjoni hija tressiq, inklużi d-dokumenti obbligatorji kollha u kwalunkwe anness għall-formola tal-applikazzjoni, imressqa minn applikant eliġibbli.

## Benefiċjarju

- Il-benefiċjarju huwa r-riċevitur tal-għotja. Il-benefiċjarju huwa responsabbli mit-twettiq tal-proposta appoġġjata mill-Programm. Il-benefiċjarju tal-għotja ma jistax jinbidel matul id-durata tal-proġett iffinanzjat u sakemm jinħareġ l-iżborż finali. L-iżborż tal-għotja jista’ jinħareġ biss f’isem il-benefiċjarju. Il-benefiċjarju huwa responsabbli li jiżgura li kwalunkwe fattura tal-VAT hija maħruġa f’isem il-benfiċjarju u tinkludi l-informazzjoni tal-VAT tal-benefiċjarju. F’każ li l-benefiċjarju ma jwettaqx attività ekonomika u għalhekk ma għandux numru tal-VAT irreġistrat, dan għandu d-dmir li jaċċerta li jitlob irċevuta fiskali għall-prodotti u s-servizzi li rċieva.

## Professjonisti kreattivi

- Kwalunkwe individwi artistiċi u kreattivi attivi fis-setturi kulturali u kreattivi.

## Żborżament tal-Fondi

- L-għotja se tkun żborżata hekk kif indikat fuq it-2 paġna ta’ dawn il-linji gwida u regolamenti. Pagament permezz ta’ ċekk se jiġi maħruġ f’isem l-aplikant. L-applikant għandu jkollu kont bankarju attiv meta jressaq l-applikazzjoni.

## Eliġibbiltà

- Qabelxejn, isir skrinjar tal-applikazzjonijiet fir-rigward tal-eliġibbiltà teknika u artistika mill-amministraturi u l-ġesturi tal-Programm. Proposti li ma jinstabux eliġibbli ai termini tal-kriterji stabbiliti ma jibqgħux jiġu pproċessati u mhux ħa jiġu evalwati.

## Evalwazzjoni

- L-applikazzjonijiet meqjusa konformi u eliġibbli jiġu evalwati mill-evalwaturi maħtura skont il-kriterji stabbiliti f’dawn il-linji gwida u regolamenti.

## Evalwaturi

- Il-Kunsill Malti għall-Arti jaħtar tim t'evalwazzjoni għall-programm. Il-Kunsill Malti għall-Arti jista' jaħtar sija professjonisti lokali u sija lokali fis-settur tal-kultura u l-arti.

## Ġestjoni u Amministrazzjoni

- Il-Kunsill Malti għall-Arti huwa responsabbli għall-ġestjoni tal-programm. Kull korrispondenza uffiċjali, inkluż it-tressiq online tal-applikazzjonijiet, trid tintbagħat fuq l-indirizz indikat f'dawn il-linji gwida.

## Dokumentazzjoni mandatorja

- Id-dokument(i) meħtieġ(a) kollha li jappoġġja(w) il-proposta tiegħek u jgħin(u) l-evalwazzjoni tal-proġett tiegħek (e.ż. rekords preċedenti, portafolli, CVs artistiċi, korrispondenza uffiċjali li tikkonferma l-kiri ta' spazju, permessi, jew oħrajn); jekk jogħġbok irreferi għas-sezzjoni 5.1 ta' dawn il-linji gwida għal-lista ta' dokumenti mandatorji.

## Finanzjament massimu

- Hemm limitu massimu ta' €30,000 għal kull organizzazzjoni għal kull sena li se jiġi allokat. Dan se jiġi deċiż skont il-każ individwali, skont il-proġett.

## Organizzazzjonjiet Kulturali Pubbliċi

- Entitajiet kulturali pubbliċi li huma parti mill-mandat tal-Kunsill Malti għall-Arti, li jinkludu t-Teatru Manoel, Dar il-Mediterran għall-Konferenzi, l-Orkestra Filarmonika ta' Malta, Fondazzjoni Kreattività, Pjazza Teatru Rjal, Valletta Cultural Agency, Malta International Contemporary Arts Space, Festivals Malta, Teatru Malta, Kor Malta, u ŻfinMalta.

## Awtosostenibbiltà

- Tirreferi direttament għal dawk il-proġetti li jista' jkun, fil-qasir jew fit-tul, irendu lilhom infushom finanzjarjament sostenibbli, i.e. jistgħu jiġu implimentati mingħajr bżonn ta' investiment pubbliku. Is-sostenibbiltà finanzjarja tal-proġett tista' tirriżulta mill-kontribuzzjoni, parteċipazzjoni, jew investiment ta' partijiet terzi fil-prodotti jew servizzi li qed jiġu offruti mill-applikant(i) fi ħdan il-proġett propost.

## Impriża unika

- Tinkludi l-impriżi kollha li għandhom tal-anqas waħda minn dawn ir-relazzjonijiet ma' xulxin:
  a. Impriża li għandha l-maġġoranza tad-dritt tal-vot tal-azzjonijisti jew tal-membri f'impriża oħra;
  b. Impriża li għandha dritt li taħtar jew tneħħi l-maġġoranza tal-membri tal-amministrattiv, tal-maniġment, jew ta' korp ta' superviżjoni ta' impriża oħra;

c. Impriża li għandha d-dritt li teżerċita influwenza dominanti fuq impriża oħra, skont il-kuntratt fis-seħħ ma' dik l-impriża jew skont il-proviżjoni fil-memorandum jew artikli t'assoċjazzjoni;

d. Impriża li hija azzjonista jew membru f'impriża oħra, li tikkontrolla waħidha, skont ftehim ma' azzjonisti oħra jew membri oħra ta' dik l-impriża, maġġoranza tad-drittijiet tal-vot tal-azzjonisti jew membri ta' dik l-impriża.

Impriżi li għandhom kwalunkwe mir-relazzjonijiet riferuti f'punti (a) sa (d) f'impriża waħda jew iktar se jiġu meqjusa bħala impriża unika.

### Impriża

- Impriża hija defenita bħala entità involuta f'attività ekonomika fi ħdan it-tifsira tal-Artiklu 107 TFEU (i.e. kwalunkwe attività konsistenti fil-proviżjoni ta' oġġetti u servizzi għas-suq), irrespettivament mill-istatus legali u l-mod kif din tiġi ffinanzjata. Il-klassifikazzjoni ta' entità partikolari bħala impriża tiddependi kompletament fuq in-natura tal-attivitajiet tagħha. L-applikazzjoni tar-regoli tal-għajnuna tal-istat ma tiddependix fuq jekk din l-entità hux stabbilita biex tiġġenera l-profitti. Entitajiet li ma jagħmlux profitti jistgħu wkoll joffru oġġetti u servizzi għas-suq. Meta dan ma jkunx il-każ, entitajiet li ma jagħmlux profitt jaqgħu 'l barra mill-ambitu tal-għajnuna tal-istat. Barra minn hekk, il-klassifikazzjoni tal-entità bħala impriża hija dejjem relattiva għal attività speċifika. Entità li twettaq kemm attivitajiet ekonomiċi u mhux ekonomiċi tiġi meqjusa biss bħala impriża fir-rigward tal-ewwel minn dawn l-attivitajiet.

### Organizzazzjoni volontarja

- Organizzazzjoni li tkun stabbilita legalment u/jew irreġistrata pubblikament f'Malta u jkollha statut. L-organizzazzjonijiet volontarji għandhom ikunu iskritti mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji f'konformità mar-rekwiżiti (http://www.maltacvs.org) tal-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji (Kap 492 tal-Liġijiet ta' Malta). L-applikant għandu jkun rappreżentant legalment awtorizzat tal-organizzazzjoni.

# 3 Eliġibbiltà

Wara l-approvazzjoni tal-proposti, il-Kunsill Malti għall-Arti se jistabbilixxi programm ta' finanzjament għall-benefiċjarji wara negozjati fuq il-pjanijiet baġitarji proposti. L-għażla tal-allokazzjoni ta' finanzjament kif ukoll il-massimu stabbilit huwa fid-diskrezzjoni tal-Kunsill Malti għall-Arti.

Qabelxejn, il-proposti jiġu evalwati ai termini tal-eliġibbiltà teknika u artistika. Proposti ineliġibbli ai termini tal-punti t'hawn taħt ma jiġux proċessati aktar u ma jiġux evalwati.

**It-terminu ta' żmien biex jiġi implimentat il-proġett huwa ta' 36 xahar.**

## 3.1 Min jista' japplika?

Investiment f'Organizzazzjonijiet Kulturali – Malta hija miftuħa għal organizzazzjonijiet volontarji iskritti mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji b'indirizz reġistrat f'Malta.

## 3.2 Min ma jistax japplika?

- Applikanti li l-profil tagħhom mhux verifikat, minħabba li l-profil tagħhom mhux komplut abbażi ta' raġunijiet li jappartjenu man-nuqqas tad-dokumentazzjoni mandatorja li ġejja:
  - kopja tal-ID card tiegħek Maltija (inkluż in-naħa ta' quddiem u ta' wara) jew tal-permess ta' residenza Maltija jew taċ-ċertifikat ta' ċittadinanza Maltija jew tal-passaport Malti;
  - statut iffirmat f'każ ta' organizzazzjoni volontarja.
- Applikanti li ma jikkwalifikawx taħt id-definizzjoni ta' applikant għal din l-iskema speċifika;
- Benefiċjarji li ma ssottomettewx jew ma lestewx rapport finali relatat ma' għotja preċedenti ffinanzjata mill-Kunsill Malti għall-Arti fl-iskadenzi ta' żmien stabbiliti;
- Benefiċjarji li m'onorawx impenji ta' finanzjament preċedenti;
- Organizzazzjonijiet/attivitajiet li jirċievu fondi lokali pubbliċi permezz ta' line-votes governattivi stabbiliti;
- Organizzazzjonijiet volontarji li:
  - mhux iskritti mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji;
  - ma ppreżentawx kontijiet aġġornati lill-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji u li mhux konformi sad-data tal-applikazzjoni;
  - li m'għandhomx indirizz reġistrat f'Malta.

## 3.3 Liem spejjeż jistgħu jiġu koperti?

L-għotja ta' kull sena tista' tkopri sa 80% tal-ispejjeż totali sa massimu ta' €30,000 għal kull benefiċjarju (skont liem hija l-inqas), soġġett għad-disponibbilta ta' fondi governattivi, skont l-organizzazzjoni volontarja, u skont l-inizjattiva proposta. Il-Kunsill Malti għall-Arti jirriserva d-dritt li jagħti għotjiet lil benefiċjarji abbażi ta' allokazzjoni fissa kull sena, mingħajr ma jeċċedi 80% tal-limitu ta' ko-finanzjament jew l-allokazzjoni massima, skont il-proġett.

L-ammont li jingħata huwa fid-diskrezzjoni tal-bord t’evalwazzjoni mwaqqaf mill-Kunsill Malti għall-Arti.

Spejjeż eliġibbli huma s-segwenti:

- miżati artistiċi;
- kontinġenza, 10% tal-ispiża totali;
- miżuri ta’ saħħa u sigurtà;
- kiri/xiri ta’ apparati (xiri t’apparat jiġu kkunsidrat biss jekk ikun meqjus neċessarju għall-proġett);
- spejjeż indiretti, li ma jeċċedu 5% tal-ispiża totali (eżempju – servizzjar: elettriku, ilma, tindif; telefonija / fax / konnessjonijiet tal-internet; posta u impustar; karti, linka / cartridge, kartolerija, eċċ);
- assigurazzjoni;
- reklamar, PR, u komunikazzjoni, li ma jeċċedux 10% tat-total tal-proġett;
- spejjeż oħra direttament relatati mal-implimentazzjoni tal-proġett (inkluż, iżda mhux limitati għal: fornituri ta’ servizzi, mentors, servizzi ta’ konsulenza diġitali, legali, parteċipazzjoni jew abbonamenti, miżati lingwistiċi, sottotitoli, eċċ.);
- miżati tal-ġestjoni tal-proġett (inkluż, iżda mhux limitati għal: amministrazzjoni, kordinazzjoni, żvilupp);
- produzzjoni;
- kiri ta’ spazji;
- akkomodazzjoni standard, li teskludi akkomodazzjoni fit-tul jew parti minn tali;
- għajxien, catering, u ospitalità, li ma jeċċedux 5% tal-ispiża totali;
- vjaġġar (klassi ekonomika) inkluż iżda mhux limitati għal: trasport pubbliku, vjaġġar bl-ajru, kiri ta’ karozzi/vetturi;
- VISA tal-ivvjaġġar.

Għal aktar informazzjoni fuq kif għandek tippreżenta l-baġit tiegħek, irreferi għall-Linji Gwida Ġenerali għall-Baġit tagħna, disponibbli fuq https://artscouncilmalta.gov.mt/funding-and-grants/general-budget-guidelines/.

## 3.4 Liem spejjeż ma jistgħux jiġu koperti?

- Baġits li jeċċedu 80% tal-ispiża tal-proġett;
- Kontribuzzjonijiet in natura li jeċċedu 15% tal-ispiża totali;
- Spejjeż diġà kopruti minn organizzazzjonijiet kulturali pubbliċi, jew minn programm/skema ta’ finanzjament pubblika oħra ġestita jew ko-ġestita mill-Kunsill Malti għall-Arti jew aġenziji pubbliċi oħra, dipartimenti jew ministeri tal-gvern;

- Spejjeż iddikjarati mill-benefiċjarju u li diġà huma kopruti minn għotja oħra tal-Gvern ta' Malta;
- Spejjeż diġà kopruti minn baġits operazzjonali tas-soltu (spazju li diġà huwa fil-pussess tal-applikant jew sħab/organizzazzjoni t'appoġġ/individwu);
- Dejn u spejjeż tas-servizzi tad-dejn;
- Djun dubjużi;
- Telf fi skambji;
- Spejjeż meqjusa bħala eċċessivi jew bla rażan;
- Miżati għal servizzi pprovduti minn entitajiet pubbliċi, dipartimenti, jew ministeri tal-gvern oħra;
- Finanzjament għall-ħolqien ta' jew iż-żamma ta' kuntesti, boroż, premjijiet, jew boroż ta' studju;
- Interessi dovuti;
- Proviżjonijiet għal telf jew djun;
- VAT rifondibbli, fejn applikabbli;
- Rimborż ta' salarji jew parti minnhom;
- Spejjeż retroattivi;
- Rendiment fuq il-kapital;
- Għajxien, catering, u ospitalità li jeċċedu 5% tal-ispiża totali.

## 3.5 Liem applikazzjonijiet mhux eliġibbli?

L-attivitajiet segwenti **mhumiex** eliġibbli taħt dan il-programm:

- Attivitajiet li huma intrinsikament ta' natura awtosostenibbli;
- Attivitajiet li mhumiex relatati mal-kultura, l-arti, u l-industriji kreattivi;
- Attivitajiet li l-għan tagħhom huwa l-ġbir ta' fondi jew propoganda politika;
- Applikazzjonijiet għall-finanzjament tal-ħolqien jew żamma ta' kuntesti, boroż, premjijiet, jew boroż ta' studji;
- Applikazzjonijiet sottomessi wara nofsinhar (12:00) tal-jum rispettiv tad-data tal-iskadenza;
- Applikazzjonijiet sottomessi minn entitajiet pubbliċi, sija dawk b'line vote jew mingħajr;
- Spejjeż għal attivitajiet jew festivitajiet tradizzjonali;
- Avvenimenti miżmuma fuq bażi regolari, inkluż prestazzjonijiet tal-iskola/annwali, programmi ta' taħriġ regolari, u/jew avvenimenti ripetuti;
- Applikazzjonijiet mhux kompluti (irreferi għal-lista ta' kontroll tal-applikazzjoni f'sezzjoni 5.1);
- Moduli indiviwali akkreditati bħala parti minn xi kors edukattiv jew riċerka bħala parti minn xi programm akkademiku stabbilit;
- Inizjattivi eliġibbli taħt Screen Malta, il-Fond għall-Produzzjoni u l-Kontenut tat-TV, l-Iskema għall-Attivitajiet Annwali Kulturali, VOPS, Għaqda Każini tal-Banda, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, Valletta Cultural Agency, Malta Arts Scholarship, jew kwalunkwe programm ieħor iffinanzjat mill-istat iddedikat għall-arti u/jew kultura Maltija;
- Proġetti ta' natura intrinsikamnent awtosostenibbli;

- Proġetti li jkunu diġà bdew u/jew seħħew qabel ma r-riżultat ikun notifikat lill-applikant(i);
- Proġetti li t-tul tagħhom ma jinkwadrax totalment fi ħdan l-iskadenza ta’ żmien eliġibbli.

Kwalunkwe attività oħra li tista’ tiġi żviluppata lil hinn mill-ambitu ta’ *Investiment f’Organizzazzjonijiet Kulturali – Malta – It-2 Fergħa* mhijiex eliġibbli għal appoġġ.

Applikanti jistgħu jissottomettu aktar minn applikazzjoni waħda taħt l-istess sejħa; madanakollu, applikazzjoni waħda biss tista’ tiġi ffinanzjata kull sessjoni.

# 4 Evalwazzjoni

Il-Bord tal-Evalwazzjoni se jibbaża d-deċiżjoni tiegħu abbażi tal-kriterji segwenti:

## 4.1 L-1 Kriterju: Il-Proposta (40 marka)

Il-proposta trid tinkludi sommarju ċar tax-xiex, tal-għala, u tal-kif ta’ din it-talba għal finanzjament. L-għanijiet u l-objettivi tal-proġett, inkluż l-iżvilupp organizzattiv propost u l-pjanijiet għall-bini tal-kapaċità, iridu jkunu ċarament defenuti. Il-proposta trid tkun allinjata mal-objettivi tal-programm hekk kif indikat fl-1 Sezzjoni ta’ dawn il-linji gwida u regolamenti.

Din is-sezzjoni trid tinkludi wkoll dettalji dwar l-imsieħba u kollaburaturi ewlenin kollha ta’ din l-organizzazzjoni flimkien mal-eżiti strateġiċi mistennija u l-impatt fit-tul ta’ dawn il-kollaborazzjonijiet. L-applikazzjoni tista’ wkoll tirreferi għal pjanijiet ta’ żvilupp professjonali u bini ta’ kapaċità li jifformaw parti mill-proposta. Għaldaqstant, il-mistoqsijiet segwenti għandhom jiġu indirizzati:

- X’inhuma l-objettivi li jinfurmaw il-programm t’attivitajiet propost tiegħek? Kif inhi relevanti għall-għanijiet strateġiċi ġenerali tal-KMA l-proposta tiegħek? X’metodi ħa jiġu adottati sabiex jippermettu lill-organizzazzjoni tiżviluppa l-għarfien, il-ħiliet, u l-kompetenzi neċessarji sabiex tiffjorixxi fis-setturi kulturali u kreattivi? Ipprovdi informazzjoni dettaljata dwar il-kollobarazzjonijiet proposti neċessarji għall-implimentazzjoni b’suċċess tal-proġett. (10 marki)
- X’impatti qed tantiċipa fuq l-organizzazzjoni u l-kollaboraturi ewlenin tagħha? Ir-rekords preċedenti tal-organizzazzjoni u tal-kollaboraturi huma meħtieġa. (5 marki)
- X’inhuma l-eżiti antiċipati u mixtieqa tal-proposta tiegħek? Kif se tiddermina jekk dawn l-eżiti hux se jkunu milħqua jew le? Irreferi għall-prijoritajiet f’sezzjoni 1.1. (5 marki)
- Ipprovdi pjan ta’ żvilupp organizzattiv u ta’ bini ta’ kapaċità għas-snin koperti mill-programm. Dan għandu jinkludi l-viżjoni wara l-programm artistiku u l-għanijiet speċifiċi tiegħu. Indika kif l-organizzazzjoni hija intiża li tiżgura livelli għolja t’eċċellenza

u, fejn relevanti, innovazzjoni. Programm dettaljat tal-attivitajiet għall-1 sena u pjan aktar wiesa' għat-2 u t-3 sena huma wkoll neċessarji. (20 marka)

## 4.2 It-2 Kriterju: Ġestjoni tal-Proġett (20 marka)

Il-ġestjoni tal-proġett trid tinkludi qafas ċar tal-min, tal-meta, u tal-fejn. Il-proposta ta' finanzjament għandha tippreżenta pjan t'azzjoni maħsub sew ibbażat fuq riċerka tal-isfond. Dan għandu jinkludi skeda ta' żmien ċara li tindika l-istadji ewlenin tal-proġett. L-applikazzjoni trid tidentifika kwalunkwe theddida possibbli li kapaċi tostakola l-implimentazzjoni b'suċċess tal-proġett. F'din is-sezzjoni, il-mistoqsijiet segwenti għandhom jiġu indirizzati:

- Kif qed tippjana li twettaq il-programm/pjan propost? (e.ż. skadenzi ta' żmien, pjanijiet ta' ħidma, responsabbiltajiet, ħiliet u rekords preċedenti tal-individwi li se jkunu qed jimmaniġġjaw il-proġetti, pjan ta' loġistika) Hemm xi permessi neċessarji, kwistjonijiet tad-drittijiet tal-awtur, jew kwalunkwe kwistjonijiet legali, etiċi, u amministrattivi oħra li jridu jiġu indirizzati? (5 marki)
- X'inhu l-grad ta' flessibbiltà fl-ippjanar meta wieħed iqis ir-riskji identifikati? (e.ż. pjanijiet ta' kontiġenza, evalwazzjonijiet ta' riskji, miżuri ta' saħħa u sigurtà, aġġustamenti possibbli li kapaċi jseħħu) X'inhuma l-miżuri ta' mitigazzjoni maħsuba in vista tat-theddid potenzjali identifikat? (5 marki)
- X'prattiċi ta' żvilupp sostenibbli se jkunu adottati matul l-implimentazzjoni tal-programm? Irreferi għall-prijoritajiet indikati f'sezzjoni 1.1. (10 marki)

## 4.3 It-3 Kriterju: L-Involviment tal-Udjenza (20 marka)

Dan il-kriterju jikkunsidra l-involviment u l-iżvilupp tal-partijiet interessati kollha. Dan jista' jinkludi l-persunal u l-membri attwali tal-organizzazzjoni, klijenti u udjenzi stabbiliti, kif ukoll partijiet interessati u udjenzi oħra li l-organizzazzjoni jista' jkun qed taspira li tilħaq. Involviment jirreferi għall-irwol, in-natura tal-involviment fil-programm, u l-esperjenza offruta lill-partijiet interessati. Dan il-kriterju jenfasizza l-livell t'involviment abbażi ta' dak li qed jiġi propost mill-applikant/i f'konformità mal-mistoqsijiet segwenti:

- Min huma l-udjenzi fil-mira tiegħek (sija jek huma interni u/jew esterni) u kif se jkunu milħuqa dawn l-udjenzi? (5 marki)
- X'mekkaniżmi u strateġiji se tadotta sabiex tikkomunika u tippromwovi l-eżiti tal-programm mal-partijiet interessati tiegħek? Għala għażilt li tagħżel dawn il-mekkaniżmi speċifiċi? (Nota: il-pjan ta' komunikazzjoni jinkludi wkoll disseminazzjoni interna li jista' jkun ma tkunx disponibbli fuq livell pubbliku) (5 marki)
- B'referenza għall-prijoritajiet elenkati f'sezzjoni 1.1., elabora fuq kif il-prattiċi t'involviment tal-udjenza qed irawwmu l-impenn tal-organizzazzjoni lejn drittijiet kulturlai. (10 marki)

### 4.4 Ir-4 Kriterju: Baġit (20 marka)

Dan il-kriterju se jikkunsidra kemm hu maħsub sew u realistiku l-pjan tal-baġit annwali ppreżentat. Dan jikkunsidra wkoll l-isforzi biex jiġu akkwistati fondi minn sorsi oħra. Il-mistoqsijiet segwenti jridu jiġu indirizzati:

- Ipprovdi pjan dettaljat għal baġit ta' dħul-spejjeż għall-1 Sena u tbassir għas-sentejn konsekuttivi. (10 marki)
- X'inhuma l-ispejjeż ibbaġitjati li huma kemm direttament u indirettament marbuta mat-twettiq tal-programm/pjan propost? (e.ż. spejjeż fissi attwali bħal miżati artistiċi għal produzzjonijiet speċifiċi) X'inhu d-dħul annwali bbaġitjat għall-programm/pjan propost? Jekk l-ebda dħul mhu mbassar, x'inhi l-ġustifikazzjoni għat-tali? Ippreżenta dokument ta' paġna waħda bl-assunzjonijiet, spjegazzjonijiet, notamenti, u ħidma tal-baġit. (10 marki)

## 5 Tressiq tal-applikazzjoni

Segwi dawn il-passi biex tapplika:

1. Aqra dawn il-linji gwida u regolamenti bir-reqqa.
2. Ara jekk l-idea tal-proposta tiegħek tistax tiġi ttrattata minn dan il-programm.
3. Agħfas fuq il-ħolqa li tieħdok fis-sistema tal-applikazzjoni online
4. Jekk ma għandekx profil, oħloq il-profil tiegħek mal-Kunsill Malti għall-Arti billi tagħfas fuq 'Irreġistra' u imla d-dettalji. L-applikanti huma mitluba li jirreġistraw il-profil tagħhom fuq is-CRM tal-KMA minn tal-anqas ġimagħtejn qabel id-data tal-iskadenza tas-sejħa.
5. Mit-taqsima tas-sejħiet miftuħa, agħżel l-applikazzjoni online tal-programm li trid tapplika għalih.
6. Segwi l-istruzzjonijiet pass wara pass. Imla l-informazzjoni meħtieġa kollha fl-applikazzjoni online, inkluż il-baġit, u ehmeż id-dokumentazzjoni ta' sostenn.
7. Ibgħat l-applikazzjoni. Għandek tirċievi konferma awtomatika tal-wasla tagħha mis-sistema. Jekk ma tirċievi ebda notifika bħal din, ikkuntattjana fuq applyforfunds@artscouncil.mt.

L-applikanti jeħtieġu jirreġistraw profil fuq is-CRM tal-KMA min tal-inqas gimagħtejn qabel id-data ta' skadenza tas-sejħa.

Kemm-il darba jkollok xi diffikultà jew tixtieq tikkonsultana dwar dan il-fond, tista' ċċemplilna fuq 2334 7230 mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn id-09:00 u l-16:00 jew tibagħtilna email fuq fundinfo@artscouncil.mt.

Hija r-responsabbiltà tiegħek li tippreżenta formola ta’ applikazzjoni kompluta kif spjegat f’dawn il-linji gwida u regolamenti. Jekk ma tippreżentax l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni meħtieġa kollha, l-applikazzjoni tiegħek ma tiġix ipproċessata u evalwata.

Il-formoli tal-applikazzjoni tiegħek mhux ser jiġu ċċekkjati minn rappreżentanti tal-Kunsill Malti għall-Arti qabel id-data tal-iskadenza tal-applikazzjoni. Il-Kunsill Malti għall-Arti għandu d-diskrezzjoni esklussiva li jitlob lill-applikanti jipprovdu kwalunkwe dokumentazzjoni obbligatorja nieqsa wara d-data tal-iskadenza tas-sejħa.

Mat-tressiq tal-applikazzjoni l-applikanti jaċċettaw li jekk l-applikazzjoni tingħata l-finanzjament mitlub, l-isem, it-titlu tal-proġett, id-deskrizzjoni qasira tal-proġett, u l-ammont mogħti jistgħu jiġu ppubblikati mill-Kunsill Malti għall-Arti.

Id-deċiżjoni dwar il-finanzjament tittieħed abbażi tal-kwalità tal-informazzjoni mressqa u d-dokumenti li jsostnu l-proposta.

L-applikazzjonijiet illi jaslu wara 12.00 (nofsinhar) tad-data tal-iskadenza rispettiva ma jiġux aċċettati.

## 5.1 Il-lista ta’ kontroll

Sabiex ikunu kompluti, l-applikazzjonijiet iridu jinkludu:

- kopja taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-VAT li juri n-NACE code Rev. 2.1 applikabbli, fejn applikabbli;
- baġit ta’ dħul-spiża dettaljat għall-1 sena u tbassir għas-sentejn konsekuttivi;
- programm propost t’attivitajiet għall-perjodu li tkun applikajt għalih; dan jista’ jinkludu avvenimenti, produzzjonijiet, prestazzjonijiet, esebizzjonijiet, festivals, u inizjattivi ta’ żvilupp artistiku u kulturali li huma relevanti għall-objettivi tal-applikant (programm dettaljat tal-1 sena, u programm ta’ tbassir għas-sentejn konsekuttivi);
- baġit dettaljat propost għall-1 sena u baġit ta’ tbassir għat-2 u t-3 sena;
- bijografija/CV artistika tal-applikant għandha tiġi inkluża fil-profil tal-applikant;
- awdjoviżwali/portafoll li juri x-xogħol tal-applikant, skont kif relevanti għall-proposta (awdjoviżwali sa 5MB jistgħu jiġu mtella’ direttament fil-formola tal-applikazzjoni; f’każ ta’ files ikbar, dawn jistgħu jiġu pprovduti b’link);
- ittri t’intenzjoni minn kollaboraturi;
- kwotazzjonijiet sabiex jappoġġja l-baġit ta’ dħul-spiża tal-1 sena ;
- pjan strateġiku;
- ir-rekords preċedenti tal-applikanti u l-kollaboraturi—dan jinkludi CV, portafolli artistiċi, u dokumentazzjoni relatata;
- dikjarazzjoni de minimis, fejn applikabbli (irreferi għal Sezzjoni 9).

# 6 Proċess t’evalwazzjoni

Dan il-fond hu kompetittiv u se jiġi evalwat minn panel ta’ tliet esperti relevanti, skont il-kriterji stabbiliti.

Kif speċifikat hawn fuq, kull kriterju hu allokat numru speċifiku ta’ marki. Biex proġett jiġi kkunsidrat għal finanzjament, jeħtieġ jikseb minimu ta’ 60 marka.

Madankollu, is-sessjoni tal-evalwazzjoni u d-deċiżjonijiet ta’ finanzjament jiddependu fuq il-kwalità tal-proposti mressqa u d-disponibbiltà tal-fondi. Għalhekk, kisba ta’ 60 marka jew aktar ma jfissirx li l-proposta tal-proġett tiegħek se tiġi ffinanzjata awtomatikament. Il-bord tal-evalwazzjoni jista’ jiddeċiedi li ma jallokax il-fondi kollha disponibbli għal sejħa partikolari jekk il-proġetti proposti ma jilħqux il-livell meħtieġ skont it-termini tal-kriterji tal-programm.

L-applikazzjonijiet eliġibbli jiġu evalwati minn tim ta’ evalwazzjoni magħżul mill-Kunsill Malti għall-Arti abbażi tal-esperjenza professjonali tagħhom. Il-Kunsill Malti għall-Arti jagħżel evalwaturi abbażi tal-esperjenza indipendenti u professjonali tagħhom. L-evalwaturi jippreżentaw evalwazzjoni għal kull proġett propost u jindikaw il-klassifikazzjonijiet relevanti.

## 6.1 Shortlisting

Il-bord t’evalwazzjoni se jiltaqa’ matul l-evalwazzjoni inizjali li fiha kull applikant eliġibbli se jiġi diskuss. L-applikazzjonijiet se jingħataw marka, u dawk li jingħataw 60 marka jew aktar se jiġu shortlisted. L-applikazzjonijiet shortlisted se jattendu sessjoni ta’ pitching online. Din is-sessjoni ta’ pitching hija obbligatorja; massimu ta’ tliet parteċipanti jistgħu jattendu s-sessjoni ta’ pitching.

Huwa totalment fid-diskrezzjoni tal-evalwaturi li jistiednu kwalunkwe applikant li jkun ġab inqas minn 60 marka sabiex jattendi sessjoni ta’ pitching.

L-applikazzjonijiet kollha, inkluż dawk mhux shortlisted, se jirċievu notifikazzjoni tar-riżultat uffiċjali flimkien ma’ kopja tal-formola ta’ evalwazzjoni fid-data tar-riżultat indikata fit-3 paġna ta’ dan id-dokument.

## 6.2 Pitching

L-għan tas-sessjoni online ta’ pitching huwa biex tinħoloq opportunità għall-applikanti sabiex joħolqu każ għall-proġetti tagħhom mal-evalwaturi. L-applikazzjonijiet tal-proġetti jkunu diġà ġew evalwati mill-evalwaturi u l-ġestitur tal-fond qabel is-sessjoni ta’ pitching.

Matul is-sessjoni online, l-applikant ikollu l-opportunità biex jippreżenta kummenti, l-għarfien l-aktar riċenti, kif ukoll addizzjonijiet għad-deskrizzjoni tal-proġett li tkun diġà sottomessa.

Il-pitching tista' tiġi ppreżentata f'varjetà ta' formati, inkluż, iżda mhux limitat għal, għajnuniet viżwali, preżentazzjonijiet bil-PowerPoint, awdjo, eċċ, li m'għandhomx ikunu itwal minn għaxar (10) minuti. Matul il-pitching, l-applikanti huma mistennija li jispjegaw il-viżjoni artistika tal-proġett u jikkomunikaw kif il-proġett se jiġi implimentat. Il-pitching t'għaxar minuti se tkun segwita minn sessjoni ta' Q&A mal-panel tal-evalwaturi.

## 6.3 Komunikazzjoni tar-riżultati

Fil-jum indikat f'paġna 3, għandek tirċievi n-notifika tar-riżultat tiegħek mill-Kunsill Malti għall-Arti. Flimkien mal-ittra ta' akkumpanjament, se nehmżu wkoll kopja tal-formola tal-evalwazzjoni li tindika r-raġunijiet u l-marki li wasslu għad-deċiżjoni tal-bord tal-evalwazzjoni, skont il-kriterji tal-programm.

L-ordni tal-klassifika tal-proġetti, skont il-marki allokati mill-evalwaturi, tiġi ppubblikata online. Jiġu ppubblikati biss l-ismijiet u s-sommarji tal-proġetti magħżula; fil-każ ta' proġetti li ma jingħatawx il-fondi, jiġi ppubblikat biss in-numru ta' referenza tagħhom.

Jekk ikollok xi diffikultà rigward ir-riżultati tiegħek tista' tibagħtilna email fuq fundinfo@artscouncil.mt fi żmien ħamest (5) ijiem minn meta tirċievi d-deċiżjoni dwar il-finanzjament.

Ma tinħareġ ebda informazzjoni dwar il-proċess tal-evalwazzjoni qabel in-notifika uffiċjali tar-riżultati.

Kwalunkwe forma ta' sollecitazzjoni tiskwalifika awtomatikament l-applikazzjoni.

L-informazzjoni kollha li jirċievu l-Unit tal-Finanzjament, il-Ġestitur tal-Fond, u l-Evalwaturi titqies kunfidenzjali, kemm waqt kif ukoll wara l-proċess tal-evalwazzjoni. Id-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni u l-kunfidenzjalità tad-dejta għall-proġetti li jiksbu l-fondi jiġu inklużi fil-ftehim tal-għotja.

# 7 Implimentazzjoni tal-proġett u moniteraġġ

Kuntratt li jispeċifika l-kundizzjonijiet tal-programm se jiġi ffirmat. Il-pagament ta' qabel il-finanzjament li se jikkonsisti f'100% tal-ammont allokat mill-Bord tal-Evalwazzjoni għas-sena 2026 se jiġi pproċessat wara l-iffirmar tal-kuntratt. L-ammont allokat għas-sena 2027 se jiġi pproċessat wara t-tressiq u l-approvazzjoni tar-rapport ta' progress għas-sena 2026, inkluż

kontijiet ivverifikati u fatturi tal-VAT għall-Pjan t'Azzjoni tas-sena 2027. 70% tal-ammont mogħti għas-sena 2028 se jiġi pproċessat mat-tressiq u l-approvazzjoni tar-rapport ta' progress għas-sena 2027, inkluż kontijiet ċertifikati u fatturi tal-VAT, u l-Pjan t'Azzjoni għas-sena 2028. It-30% li jifdal se jiġu żborżati wara t-tressiq u l-approvazzjoni tar-rapport finali għas-sena 2028, inkluż kontijiet u fatturi tal-VAT iċċertifikati.

Il-benefiċjarji jridu jużaw il-logo tal-Kunsill Malti għall-Arti fuq kwalunkwe materjal relatat u jispeċifikaw li l-proġett kien appoġġjat mill-għotja hekk kif ġej: **Appoġġjat mill-Kunsill Malti għall-Arti**, f'kwalunkwe reklamar, PR, u materjal stampat. L-għotja rċevuta trid tintuża biss għall-iskop li tkun ingħatat, f'konformità mal-proposta sottomessa u l-kuntratt.

Il-benefiċjarji jridu jinnotifikaw lill-Kunsill Malti għall-Arti immedjatament jekk bidliet li jaffettwaw in-natura tal-proġett iseħħu matul l-implimentazzjoni. Bidliet ma jistgħux jiġu implimentati fl-assenza ta' approvazzjoni. Il-Kunsill Malti għall-Arti jirriserva id-dritt li jirrevedi jew li ma jfornix il-pagament finali jekk il-bidla fil-proġett ma tkunx meqjusa bħala f'konformità mal-applikazzjoni inizjali, jew jekk il-Kunsill ma jkunx infurmat bil-bidliet fi żmien raġjonevoli.

Il-benefiċjarji jridu jagħmlu lilhom infushom disponibbli għal żjarat minn u komunikazzjoni ma' rappreżentanti tal-Kunsill Malti għall-Arti għal skopijiet ta' moniteraġġ, sija waqt l-implimentazzjoni tal-proġett u sija wara t-tlestija tiegħu.

Il-Kunsill Malti għall-Arti jirriserva d-dritt ukoll li jirrevedi l-pagament finali jekk l-ispiża totali tkun inqas minn dik stmata fil-formola tal-applikazzjoni.

## 7.1 Rapport

Fi tmiem kull sena, se tkun mitlub biex tissottometti rapport dettaljat li jelenka l-ħidma mwettqa u l-kisbiet tal-proġett, sa mhux aktar tard minn tmien (8) ġimgħat wara li l-proġett annwali tiegħek ikun ġie konkluż. Il-Kunsill Malti għall-Arti se jipprovdi templates għar-rapporti tiegħek. Jekk relevanti, flimkien ma' dan ir-rapport, il-benefiċjarji jridu jipprovdu kopji ta' kull reklamar relevanti, pubbliċità, jew materjal t'informazzjoni żviluppat għal dan il-proġett iffinanzjat. Il-benefiċjarji se jkun mitluba wkoll li jissottomettu evidenza tal-proċess ta' riċerka, li jinkludi dokumentazzjoni viżwali (minimu ta' 5 immaġni ta' reżoluzzjoni għolja għandhom jiġu sottomessi), blogs, u dokumentazzjoni oħra.

Il-benefiċjarji jridu jipprovdu spjegazzjoni dettaljata u ċċertifikata tal-baġit aħħari. Dan il-baġit irid ikun ippreparat f'konformità mal-istandards finanzjarji applikabbli u allinjat ma' dawn il-linji gwida u regolament, u jrid ikun iċċertifikat minn accountant jew awditur b'warrant.

Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jitlob lill-benefiċjarju sabiex jissottometti l-fatturi tal-VAT u/jew l-irċevuti fiskali sabiex jappoġġja l-baġit dettaljat iċċertifikat.

Fi tmien l-1 u t-2 sena, se tkun mitlub sabiex tissottometti pjan t’azzjoni u spjegazzjoni dettaljata tal-baġit għall-programm tas-sena segwenti.

Il-Kunsill Malti għall-Arti jirriserva d-dritt li jagħmel użu mill-materjal tal-proġett sottomess.

Il-Kunsill Malti għall-Arti jirriserva d-dritt li jirkupra fondi f’każ li dawn ma jkunux qed jiġu użati u/jew qed jiġu użati mhux kif suppost u/jew mhux skont il-baġit sottomess.

# 8 Proċedura tal-ilmenti

It-tressiq ta’ lment ma jaffettwax iċ-ċans tiegħek li tirċievi appoġġ mingħand il-Kunsill Malti għall-Arti fil-futur. Kull ilment jiġi ttrattat b’mod kunfidenzjali.

## 8.1 Bażi għall-ilmenti

L-applikanti jistgħu jressqu lment rigward anomaliji u irregolaritajiet fil-proċedura waqt il-proċess tat-tressiq tal-applikazzjoni u tal-evalwazzjoni skont il-proċeduri stipulati f’dawn il-linji gwida u regolamenti. Ma jistgħux isiru lmenti dwar:

- Il-politiki u l-proċeduri tal-Kunsill Malti għall-Arti jew tal-Gvern.
- Il-merti tal-applikazzjoni f’termini tal-kriterji stipulati f’dawn il-linji gwida u regolamenti. L-applikanti biss jistgħu jressqu lmenti dwar il-proġett tagħhom.

## 8.2 It-tressiq ta’ lment

L-ilmenti għandhom isiru bil-miktub u jkunu ċari kemm jista’ jkun. L-ilment għandu jispeċifika l-bażi u r-raġunijiet għall-ilment, jagħti spjegazzjoni dettaljata u ġustifikazzjoni sostnuta b’dokumentazzjoni jew b’xhieda relevanti dwar għaliex l-ilmentatur jidhirlu li twettqu irregolaritajiet fil-proċedura/i stipulata/i f’dawn il-linji gwida u regolamenti jew f’regoli u regolamenti ta’ governanza tajba standard li jirregolaw lis-settur pubbliku. Id-deċiżjoni meħuda fi tmiem il-proċess tal-ilment tibqa’ finali. L-ilmenti għandhom isiru lid-Direttur tal-Finanzjament u l-Istrateġija, il-Kunsill Malti għall-Arti, fi żmien ħamest (5) ijiem tax-xogħol minn meta tirċievi d-deċiżjoni dwar il-finanzjament. Normalment tirċievi tweġiba fi żmien għaxart (10) ijiem tax-xogħol.

Kemm-il darba ma tkunx sodisfatt bit-tweġiba, il-Kunsill Malti għall-Arti jifforma bord li jiddiskuti l-ilment tiegħek f’aktar dettall. Jekk tuża l-proċedura tal-ilmenti tagħna jkun ifisser

li taċċetta li nistgħu nużaw l-informazzjoni dwar il-proġett tiegħek biex nittrattaw l-ilment. Id-deċiżjoni tal-bord tkun finali.

# 9 Applikabbiltà tar-regoli fuq għajnuna tal-istat

## 9.1 Organizzazzjonijiet volontarji li ma jwettqux attività ekonomika fi ħdan it-tifsira tal-Artiklu 107 TFEU

Organizzazzjonijiet volontarji li ma jwettqux attività ekonomika fi ħdan it-tifsira tal-Artiklu 107 TFEU jistgħu japplikaw għal dan il-programm ukoll. Ir-regoli elenkati f'sezzjoni 9.2 hawn taħt mhumiex applikabbli f'tali każ.

## 9.2 Regoli tal-għajnuna tal-istat applikabbli għal organizzazzjonijiet volontarji li jwettqu attività ekonomika fi ħdan it-tifsira tal-Artiklu 107 TFEU

L-iskema tal-għajnuna tal-istat se tkun implimentata skont il-proviżjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/2831 tat-13 ta' Diċembru 2023 fuq l-applikazzjoni tal-Artikli 107 u 108 tat-Trattat tal-Iffunzjonar tal-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' għajnuna de minimis.

Dan ir-regolament japplika għal għajnuna mogħtija lil impriżi f'kull settur, bl-eċċezzjoni ta':

2. għajnuna mogħtija lil impriża attiva fil-produzzjoni primarja ta' prodotti tas-sajd jew l-akkwakultura;
3. għajnuna mogħtija lil impriżi attivi fl-ipproċessar u r-reklamar ta' prodotti tas-sajd jew l-akkwakultura, fejn l-ammont t'għajnuna huwa fiss abbażi tal-prezz jew kwantità tal-prodotti mixtrija jew poġġuti fis-suq;
4. għajnuna mogħtija lil impriżi attivi fil-produzzjoni primarja tal-prodotti agrikoli;
5. għajnuna mogħtija lil impriżi attivi fis-settur tal-iproċessar u l-kummerċ tal-prodotti agrikoli, f'dawn il-każi li ġejjin:
    a. fejn l-ammont tal-għajnuna huwa ffissat abbażi tal-prezz jew tal-kwantità ta' dawn il-prodotti mixtrija minn produtturi primarji jew impoġġija fuq is-suq mill-impriżi kkonċernati;
    b. fejn l-għajnuna hija kkundizzjonata mill-fatt li hi parzjalment jew totalment mgħoddija lill-produtturi primarji;

6. għajnuna mogħtija lil attivitajiet relatati mal-esportazzjoni għal pajjiżi terzi jew Stati Membri, cioè għajnuna direttament relatata mal-kwantitajiet esportati, mal-istabbilixximent u l-operazzjoni ta' netwerk ta' distribuzzjoni jew ma' xi spejjeż attwali relatati mal-attività tal-esportazzjoni;
7. għajnuna kontinġenti fuq l-użu tal-oġġetti u servizzi domestiċi minflok oġġetti u servizzi impurtati.

L-ammont totali ta' għajnuna de minimis mogħtija lil impriża unika mhux se jaqbeż l-ammont ta' €300,000 f'perjodu ta' tliet snin. Dan il-perjodu jiġi evalwat fuq bażi kontinwa.

Il-limitu massimu previst jinkludi wkoll l-għajnuna tal-istat kollha mogħtija taħt din l-iskema kif ukoll kwalunkwe għajnuna tal-istat moħgtija taħt ir-regolament de minimis, inkluż dik irċevuta minn entità oltre mill-Kunsill Malti għall-Arti. Kwalunkwe għajnuna de minimis irċevuta li teċċedi l-limitazzjoni stabbilita trid tiġi rikoverata, bl-interessi, mill-impriża li tkun qed tirċievi l-għajnuna.

Ir-regoli fuq il-kumulazzjoni tal-għajnuna hekk kif deskritti f'Artiklu 5 tar-regolament de minimis se jiġu rispettati.

L-applikanti jridu jissottomettu dikjarazzjoni ta' de minimis li fiha jindikaw kwalunkwe għajnuna de minimis oħra rċevuta u/jew li applikaw għaliha matul il-perjodu tat-tliet snin ta' qabel. Din tiżgura li l-ammont ta' għajnuna de minimis mogħti lil kull impriża unika taħt ir-regolament de minimis ma teċċedix il-limitu previst applikabbli ta' de minimis fuq il-medda ta' tliet snin applikabbli.

Jekk applikant magħżul ma jkunx eliġibbli għal għajnuna de minimis, tali applikant jiġi kkunsidrat bħala ineliġibbli u l-applikant li jmiss fil-lista jiġi magħżul.

F'konformità mar-regolament tal-għajnuna tal-istat de minimis, rikordji fir-rigward ta' għajnuna de minimis iridu jiġu miżmuma għal 10 snin mid-data li l-għajnuna tkun ġiet mogħtija taħt din l-iskema.

**Pubblikazzjoni f'Reġistru Ċentrali**

F'konformità mal-Artiklu 6(1) tar-Regolament de minimis, tal-1 ta' Jannar 2026, informazzjoni fuq għajnuna de minimis mogħtija taħt din l-iskema se tkun pubblikament disponibbli f'reġistru ċentrali.

L-informazzjoni li ġejja se tkun pubblikament disponibbli:

- l-identifikazzjoni tal-benefiċjarju;
- l-ammont t'għajnuna;
- id-data tal-għotja;
- l-istrument tal-għajnuna; u

- is-settur involut abbażi tal-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi fl-Unjoni ('klassifikazzjoni NACE').

# Teħtieġ parir?

Il-KMA joffri servizzi ta' konsulenza qabel it-tressiq sabiex jgħinek tikseb l-appoġġ għall-proġett tiegħek. Aħna nkunu hemm f'kull pass tal-proċess. Aħna nistgħu ngħinuk tiddetermina jekk il-kunċett ewlieni u l-profil tal-proġett tiegħek humiex f'konformità mal-mekkaniżmu t'appoġġ fil-mira, u nipprovdu evalwazzjoni fuq il-mod ta' kif għandek tippjana sabiex tippreżenta l-proġett tiegħek. Ippjana bil-quddiem u kellimna mill-inqas erba' ġimgħat qabel id-data tal-iskadenza għat-tressiq tal-applikazzjoni biex b'hekk tuża s-servizzi tagħna bl-aħjar mod.
Tista' ċċemplilna fuq 2334 7230, matul il-ġimgħa, bejn id-09:00 u l-16:00, jew tibgħat email fuq fundinfo@artscouncil.mt.

**Linji gwida aġġornati fil-5 t'Awwissu 2025**